32002Q0209(02)

L 39/44 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.2.2002

IR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL TAĊ-ĊENTRU TAS-SATELLITI TA' L-UNJONI EWROPEA [1]

[1] Adottat mill-Kunsill permezz tal-proċedura miktuba tal-21 ta' Diċembru 2001, skond l-artikolu 9(3) ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill Numru 555/CFSP ta' l-20 ta' Lulju 2001 (ĠU L 200, tal-25.7.2001, p. 5).

OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

PREAMBOLU

Artikolu 1

TITOLU I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 2 — Dispożizzjonijiet applikabbli għall-Persunal kollu
Awtorità
Dikjarazzjoni
Kondotta
Responsabbiltà Finanzjarja
Sigurtà

TITOLU II — STATUS TAL-PERSUNAL

KAPITOLU I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3 — Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-persunal
Privileġġi u immunitajiet
Assistenza u kumpens
Drittijiet tal-propjetà
Attivitajiet esterni
Kandidatura għall-uffiċċju pubbliku jew politiku

KAPITOLU II — REKLUTAR U KUNTRATTI

Artikolu 4 — Reklutar

Artikolu 5 — Età massima għall-impieg

Artikolu 6 — Eżaminazzjonijiet mediċi

Artikolu 7 — Kuntratti u tul ta' kuntratti
Kuntratti inizjali
Perjodu ta' prova
Terminazzjoni ta' kuntratti
Kumpens għat-telf ta' l-impjieg
Żmien iqsar għall-avviż ta' terminazzjoni

KAPITOLU III — PAGI U KONĊESSJONIJIET

Artikolu 8 — Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 9 — Salarju bażiku

Artikolu 10 — Konċessjoni għall-espatrijazzjoni

Artikolu 11 — Konċessjonijiet għall-familja u għall-ġid soċjali
Konċessjoni għad-dar
Konċessjoni għat-tfal u dipendenti oħra
Konċessjoni għall-edukazzjoni
Konċessjoni għat-tfal b'diżabilità u dipendenti oħra
Konċessjoni għall-kera
Konċessjoni għat-trasport

Artikolu 12 — Konċessjoni għad-dmirijiet żejda

Artikolu 13 — Konċessjoni għall-installazzjoni

Artikolu 14 — Tnaqqis
Taxxa interna
Kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' penzjoni
Kontribuzzjonijiet għall-iskema supplimentarja ta' assigurazzjoni

Artikolu 15 — Ħlas bil-quddiem u ħlas lura

KAPITOLU IV — SPEJJEŻ TA' L-IVJAĠĠAR

Artikolu 16 — Installazzjoni u tluq

Artikolu 17 — Spejjeż għat-tneħħija

Artikolu 18 — Vjaġġar fuq xogħol

KAPITOLU V — ORGANIZZAZZJONI INTERNA

Artikolu 19 — Siegħat ta' xogħol

Artikolu 20 — Festi pubbliċi

Artikolu 21 — *Leave*

Artikolu 22 — *Leave* tad-dar

Artikolu 22a — *Leave* speċjali

KAPITOLU VI — RAPPORTI U PROMOZZJONIJIET

Artikolu 23 — Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 24 — Il-Proċedura

Artikolu 25 — Azzjoni dwar ir-rapporti

KAPITOLU VII — MIŻURI DIXXIPLINARJI

Artikolu 26 — Definizzjonijiet

Artikolu 27 — Kumpens għad-danni

Artikolu 28 — Notifikazzjoni ta' ilmenti

Artikolu 29 — Bord dixiplinarju

KAPITOLU VIII — APPELLI U BORD TA' L-APPELL

Artikolu 30 — Appelli

KAPITOLU IX — SKEMA TA' PENZJONI

Artikolu 31 — Konċessjoni għat-tluq

Artikolu 32 — Penzjoni ta' tluq

Artikolu 33 — Penzjoni għall-invalidità

Artikolu 34 — Penzjoni għas-sopravissuti

Artikolu 35 — Penzjoni għat-tfal dipendenti jew mingħajr ġenituri

Artikolu 36 — Penzjonijiet temporanji

TITOLU III — DISPOSIZZJONIJIET LI JAPPLIKAW LIL-IMPJEGATI TEMPORANJI

Artikolu 37 — Dispożizzjonijiet statutorji

Artikolu 38 — Kuntratti

Artikolu 39 — Rimunerazzjoni

Artikolu 40 — Dispożizzjonijiet speċjali

TITOLU IV — DISPOSIZZJONIJIET APPLIKABBLI LILL-ESPERTI U ESPERTI SEKONDATI

Artikolu 41— Dispożizzjonijiet finanzjarji u statutorji

Artikolu 42— Rappreżentazzjoni tal-persunal

ANNESS I KUMPENS GĦAT-TELF TA' L-IMPIEG

ANNESS II KONĊESSJONI GĦALL-ESPATRIJAZZJONI

ANNESS III TFAL U DIPENDENTI OĦRAJN

ANNESS IV DIPENDENTI B'DIŻABILITÀ

ANNESS V KONĊESSJONI GĦALL-KERA

ANNESS VI SPEJJEŻ GĦALL-IVJAĠĠAR U GĦAT-TNEĦĦIJA

ANNESS VII SPEJJEŻ GĦAD-DMIRIJIET UFFIĊJALI

ANNESS VIII *LEAVE* TAL-MARD, *LEAVE* TAL-MATERNITÀ, U *LEAVE* IEĦOR SPEĊJALI

ANNESS IX KOMPOSIZZJONI U PROĊEDURI TAL-BORDIJIET TA' DIXXIPLINA

ANNESS X BORD TA' L-APPELL

OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

Ir-Regolamenti tal-persunal taċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea huma bbażati fuq dawk ta' l-Istitut ta' l-Istudji tas-Sigurtà, u dan jispjega x-xebħ konsiderevoli bejn iż-żewġ testi. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li hemm differenzi minħabba ċerti fatturi speċifiċi taċ-Ċentru.

Iċ-Ċentru huwa korp operazzjonali, u dan huwa raġuni għaliex il-persunal għandhom, per eżempju, f'ċirkostanzi mhux tas-soltu, jieħdu responsabbiltà ta' livell għola minn dik tas-soltu fil-kariga tagħhom jew għaliex għandhom jaħdmu siegħat itwal mis-soltu.

Il-lokalità partikolari taċ-Ċentru, f'bażi militari ta' l-ajru fil-pajjiż li qed jilqa', huwa t-tieni fattur li jiġġustifika ċerti differenzi, partikolarment fir-rigward tas-sigurtà u t-trasport.

PREAMBOLU

Iċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea huwa aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea, assoċjat ma' l-Organizzazzjonijiet Koordinati.

Artikolu 1

Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-istatus, id-drittijiet, id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tal-membri tal-persunal taċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru".

Il-persunal taċ-Ċentru huma persuni naturali li għandhom kuntratt bħala impjegat jew impjegat temporanju. Esperti mħallsa u nies taħt taħriġ huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet imniżżlin taħt it-Titolu IV.

Id-Direttur taċ-Ċentru għandu l-awtorità li jemenda dawn ir-Regolamenti skond in-neċessità u bil-kunsens tal-Bord.

Dawn ir-Regolamenti għandhom jgħoddu għall-membri tal-persunal kollu ħlief fejn il-Bord jiddeċiedi kuntrarjament fir-rigward ta' persunal li m'għandhomx grad.

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet applikabbli għall-Persunal kollu

1. Awtorità

Il-membri tal-persunal huma suġġetti għall-awtorità tad-Direttur u għandhom responsabbilità lejħ fid-dmirijiet tagħhom, u għandhom jintrabtu illi jwettqu d-dmirijiet tagħhom bl-iktar mod skrupluż u kunxjenzjuż possibbli.

2. Dikjarazzjoni

Meta jibdew l-impieg maċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni, kull membru tal-persunal għandu jaċċetta d-dikjarazzjoni li ġejja:

> "Jien nintrabat solennament li neżerġita b'kull lejaltà, diskrezzjoni u kuxxjenza l-funzjonijiet li ġew afdati lili bħala membru tal-persunal taċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea, u li nwettaq dawn il-funzjonijiet fl-interessi biss taċ-Ċentru. Jien nintrabat ukoll li ma nsaqsix għal, u ma naċċettax, struzzjonijiet fix-xogħol tiegħi minn awtoritajiet tal-Gvern jew awtoritajiet oħra ħlief miċ-Ċentru."

3. Kondotta

Il-membri tal-persunal għandhom iżommu kondotta xierqa u kompatibbli ma' l-istatus tagħhom bħala rappreżentanti taċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea. Għandhom jastjenu minn attivitajiet u kondotta li tmur kontra d-dinjità tal-pożizzjoni tagħhom jew kontra l-isem tajjeb taċ-Ċentru.

4. Responsabbilità finanzjarja

Il-membri tal-persunal jistgħu jiġu obbligati li jħallsu lura liċ-Ċentru, totalment jew parzjalment, kull telf finanzjarju taċ-Ċentru kawżat bin-negliġenza tagħhom jew bil-vjolazzjonikonxja tagħhom ta' xi regolament jew proċedura approvata milll-Bord jew mid-Direttur.

5. Sigurtà

Mal-bidu ta' l-impieg tagħhom, il-membri tal-persunal għandhom jidraw ir-regolamenti tas-sigurtà taċ-Ċentru. Għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jirrikonoxxu r-responsabbilità dixxiplinarja u finanzjarja tagħhom f'każ illi ma jħarsux ir-regolamenti.

(a) Il-membri tal-persunal kollha, inklużu esperti sekondati u esperti sekondati minn pajjiżi terzi, kapaċi jkollhom bżonn permess biex ikollhom aċċess għad-dokumenti klassifikati fix-xogħol tagħhom. It-talba għal dan il-permess għandha tiġi indirizzata mill-Uffiċjal tas-Sigurtà taċ-Ċentru lill-awtoritajiet kompetenti. Sakemm jingħata l-permess jista' jingħata permess temporanju mid-Direttur.

(b) Il-membri tal-persunal għandhom jinnotifikaw minnufih l-Uffiċjal tas-Sigurtà dwar xi kompromess jew telf suspettat ta' dokument klassifikat.

TITOLU II

STATUS TAL-MEMBRI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-persunal

Il-membri tal-persunal taċ-Ċentru huma persuni naturali li għandhom kuntratti kif definit f'Kapitolu II, li jokkupaw posizzjonijiet skond budget imniżżlin fit-tabella ta' l-impjegati li huwa anness kull sena mal-budget taċ-Ċentru.

1. Privileġġi u immunitajiet

Il-privileġġi u immunitajiet li jingħataw lill-membri tal-persunal huma fl-interessi taċ-Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea u mhux għall-konvenjenza personali tagħhom. M'għandhomx jintużaw biex jevitaw obbligazzjonijiet personali jew bħala skuża għan-nuqqas li jħarsu l-liġijiet jew regolamenti tal-pulizija ta' l-Istat li qed jilqa'.

F'kull każ fejn huma involuti dawn il-privileġġi u immunitajiet, il-membru tal-persunal ikkonċernat għandu jirraporta minnufiħ lid-Direttur. F'każ ta' ksur ta' leġislazzjoni, id-Direttur jista' jiddeċiedi li jneħħi l-privileġġi u immunitajiet jekk jaħseb li huwa xieraq.

2. Assistenza u kumpens

Iċ-Ċentru għandu jipprovdi assistenza lill-membri tal-persunal li, minħabba l-ħatra kurrenti jew id-dmirijiet tagħhom fiċ-Ċentru, u mingħajr ħtija tagħhom, huma suġġetti għal theddid, insulti, defamazzjoni jew attakk. Kumpens għal danni materjali li jsofru jista' jingħata bil-kondizzjoni li:

— il-membri tal-persunal ma pprovokawx id-danni msemmijja konxjament jew kawża ta' negligenza;

— ma inkiseb l-ebda rimedju;

— il-membri tal-persunal jagħtu liċ-Ċentru kull pretenzjoni li jista' ikollhom kontra partijiet terzi, partikolarment kumpaniji ta' l-assigurazzjoni.

Kull deċiżjoni f'dan ir-rigward li tista' tinvolvi azzjoni jew pagamenti miċ-Ċentru għandha tittieħed mid-Direttur, li għandu d-diskrezzjoni li jagħmel stima taċ-ċirkostanzi tal-każ, x'forma għandha tieħu l-assistenza u x'kumpens għandu jingħata, jekk għandu jingħata.

3. Drittijiet tal-propjetà

Id-drittijiet kollha, inklużi titoli, drittijiet tal-*copyright* u tal-patenti, f'kull tip ta' xogħol tal-membru tal-persunal fid-dmirijiet uffiċjali tiegħu għandhom ikunu vestiti fiċ-Ċentru.

4. Attivitajiet esterni

Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet esterni u persuni, il-membri tal-persunal għandhom l-ewwel jiksbu l-approvazzjoni tad-Direttur jekk dawn jixtiequ:

— jagħmlu dikjarazzjoni pubblika, partikolarment lil xi korp ta' informazzjoni pubblika, dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru,

— jgħallmu jew jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tat-tagħlim li għandhom x'jaqsmu direttament max-xogħol tagħhom fiċ-Ċentru,

— jaċċettaw pagamenti għall-attivitajiet imsemmijjin,

— jaċċettaw xi unuri jew dekorazzjonijiet, jew xi vantaġġi materjlai assoċjati ma' dawn l-attivitajiet.

5. Kanditatura għall-uffiċju pubbliku jew uffiċju politiku

(a) Il-membri tal-persunal li, għal xi raġuni personali, jixtiequ jikkontestaw għall-uffiċju pubbliku jew uffiċju politiku għandhom jinnotifikaw id-Direttur bl-intenzjoni tagħhom.

(b) Kull membru tal-persunal li jikkontesta għall-uffiċju pubbliku jew politiku għandu jingħata *leave* imħallas mid-data li jiddikjara li se jibda l-kampanja tiegħu.

(ċ) Jekk jiġi elett, il-membru tal-persunal għandu jitlob li jintemm il-kuntratt tiegħu. Dan it-tmiem m'għandux iġib miegħu xi jedd għall-kumpens għat-telf ta'l-impieg.

(d) Jekk ma jaċċettax l-uffiċju pubbliku jew politiku, il-membru tal-persunal iżomm id-dritt li jkompli x-xogħol tiegħu bl-istess paga u bl-istess anzjanità li kellu meta beda l-*leave* bil-ħlas.

(e) Iż-żmien tal-*leave* mhux imħallas ma jgħoddx għad-drittijiet ta' l-anzjanità u tal-pensjoni. Waqt il-*leave*, il-membru tal-persunal jista'jiġi sostitwit b'impjegat temporanju.

KAPITOLU II

REKLUTAMENT U KUNTRATTI

Artikolu 4

Reklutar

1. Offerti għall-impieg għandhom jiġu offruti mid-Direttur ħlief għall-post ta' Direttur. Iċ-Ċentru huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' postijiet ta' impieg vojta.

2. Bħala regola, kandidati taħt it-tmintax-il sena jew 'l fuq minn sittin sena m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-impieg.

3. Bħala regola, kanditati li jiġu minn xulxin bid-demm jew biż-żwieġ m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-impieg. Id-Direttur jista' jawtorizza xi eċċezzjonijiet, iżda l-ebda persuna kkonċernata ma tista' isservi taħt l-oħra.

4. Ir-reklutar ta' membri tal-persunal għandu jiġi limitat għall-persuni ta' nazzjonalita ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Il-membri tal-persunal għandhom jitqabbdu biex jaħdmu fil-grad l-iktar baxx tal-pożizzjoni fejn jintgħażlu. Madankollu, id-Direttur jista' jagħmel xi eċċezzjonijiet fejn dan huwa ġġustifikat.

6. Id-Direttur għandu jistabbilixxi liema postijiet għandhom jimtlew permezz ta' eżami jew kompetizzjoni, u għandu jindika l-ittestjar għall-impieg li l-kandidati għandhom jgħaddu. Il-Bordijiet ta' eżaminaturi għandhom jintgħażlu mid-Direttur minn fost il-persunal taċ-Ċentru, u jista' iżid eżaminatur estern.

7. L-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u akkomodazzjoni ta' kandidati li jiġu mistiedna fiċ-Ċentru għal intervista jew eżaminazzjoni għandhom ikollhom l-istess kondizzjonijiet bħal dawk ta' impjegati li jivvjaġġaw fuq xogħol [1].

Artikolu 5

Età massima għall-impieg

Età massima għall-impieg huwa sa l-aħħar tax-xahar fejn il-membru tal-persunal jagħlaq 65 sena. Id-Direttur jista' jawtorizza estensjoni ta' 12-il xahar.

Artikolu 6

Eżaminazzjonijiet mediċi

1. L-impieg tal-membri tal-persunal għandu jkun soġġett għal dikjarazzjoni ta' tabib approvat miċ-Ċentru li l-kandidat huwa tajjeb għall-impieg fiċ-Ċentru u għad-dmirijiet tax-xogħol tiegħu, u li m'għandux xi diżabilità jew marda li huma ta' riskju għall-impjegati oħra.

2. Il-membri tal-persunal għandhom jagħmlu testijiet mediċi ta' kull sena.

3. It-tabib approvat miċ-Ċentru għandu jipprovdi parir espert dwar xi membru tal-persunal li ma jibqax tajjeb għall-impieg.

4. Jekk, mit-testijiet ta' kull sena, jidher li membru tal-persunal m'għadux tajjeb għall-impieg, il-kuntratt tiegħu għandi jintemm fi żmien tlett xhur u għandu jiġi stabbilit bord mediku biex jistabbilixxi jekk hemmx lok għal pensjoni ta' invalidità.

Artikolu 7

Kuntratti u tul ta' kuntratti

1. Kuntratti inizjali

Apparti minn dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw lid-Direttur, kuntratti inizjali maċ-Ċentru għandhom ikunu ta' tlett snin. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġġeddu għall-istess perjodu jew għal perjodu iqsar bil-kunsens tal-membru tal-persunal.

2. Perjodu ta' prova

L-ewwel sitt xhur tal-kuntratt huma ta' prova li jibdew mid-data tad-dħul fis-servizz.

Tul dak il-perjodu, il-kuntratti jistgħu jintemmu b'avviż minn xahar qabel u mingħajr dritt ta' kumpens.

Fit-tmiem tal-perjodu ta' prova, il-membru tal-persunal għandu jirċievi avviż miktub li l-kuntratt tiegħu sejjer ikompli jew jintemm.

Il-perjodu ta' prova għandu jifforma parti integrali tal-perjodu tal-kuntratt inizjali. Għandu jgħodd ukoll għad-drittijiet ta' anzjanita u tal-pensjoni.

3. Terminazzjoni ta' kuntratti

Fis-sitwazzjoni prevista fl-Anness I, kuntratti jistgħu jiġu terminati jew ma jiġġedux miċ-Ċentru jew mill-membru tal-persunal stess:

(a) *Miċ-Ċentru,*

(i) b'avviż minn sitt xhur qabel:

— Bħala riżultat ta' trażżin tal-*budget* fil-post okkupat mill-membru tal-persunal,

— Bħala riżultat ta' bidla fin-natura jew funzjonijiet li jappertjenu għal dik il-pożizzjoni,

— Bħala riżultat ta' nuqqas ta' professjonalità tal-membru tal-persunal, irreġistrati f'żewġ rapporti annwali konsekuttivi, jew

— Bħala riżultat ta' nuqqas ta' adattazzjoni fiżika tal-membru tal-persunal li irriżulta waqt l-impjieg.

(ii) b'avviż minn massimu ta' xahar qabel, bħala riżultat ta' proċeduri dixxliplinarji fejn ġiet stabbilita xi mġieba ħażina jew responsabbiltà tal-membru tal-persunal skond il-Kapitolu VII.

(b) Mill-membru tal-persunal, b'avviż minn tlett xhur qabel, għal raġunijiet personali li m'għandux obbligu jsemmi.

4. Kumpens għat-telf ta' l-impjieg

Ħlief għal raġunijiet ta' dixxiplina, it-terminazzjoni tal-kuntratt jew fejn il-kuntratt ma jiġix imġedded miċ-Ċentru għandu jinkludi:

1. għall-membri tal-persunal b'iktar minn 10 snin fis-servizz, il-ħlas ta' drittijiet ta' pensjoni differiti, flimkien ma' pagament ta' kumpens għat-telf tax-xogħol skond il-kondizzjonijiet fl-Anness I;

2. għall-membri tal-persunal b'inqas minn 10 snin fis-servizz, il-pagament ta' konċessjoni tat-tluq, flimkien ma' kumpens għall-membri tal-persunal li l-kuntratt tagħhom intemm qabel iż-żmien, skond il-kondizzjonijiet fl-Anness I;

[1] Irreferi għall-Anness VII.

3. għall-membri tal-persunal li l-kuntratti tagħhom intemmu għal raġunijiet ta' nuqqas ta' kondizzjoni fiżika tajba u fejn ġiet stabbilita l-invalidità permanenti tagħom minn bord mediku *ad hoc*, l-għotja ta' invalidità skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-Iskemi ta' Pensjoni.

M'hemx kumpens fejn membru tal-persunal stess itemm jew ma jġeddidx il-kuntratt [1].

5. Żmien iqsar għall-avviż ta' terminazzjoni

Fejn huwa fl-interess tas-servizz, il-perjodu ta'avviż skond il-paragrafu 3(a) hawn fuq jista jitqassar; f'dak il-każ, il-membru tal-persunal ikkonċernat ikollu jedd għal pagament addizjonali ta' somma li tirrapreżenta il-paga u l-konċessjonijiet li kien jirċievei kieku d-data ta' terminazzjoni tal-kuntratt kienet l-istess ta' dik tat-tmiem tas-sitt xhur ta' avviż.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx f'każ ta' terminazzjoni għal raġunijiet dixxiplinarji.

KAPITOLU III

PAGI U KONĊESSJONIJIET

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali

Ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-persunal taċ-Ċentru għandhom jinkludu salarju bażiku, konċessjoni ta' l-espatrijazzjoni, u konċessjonijiet soċjali u tal-familja.

Kontribuzzjonijiet u tnaqqis skond it-taxxa interna, skema ta' pensjoni u ta' ġid soċjali għandhom isiru minn dawn is-salarji.

Il-kontijiet kurrenti tal-membri tal-persunal għandhom jiġu akkreditati bl-ammont dovut fl-aħħar ġimgħa tax-xogħol tax-xahar.

Tibdil fiċ-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal li jistgħu jkollhom konsegwenzi finanzjarji għandhom jiġu kkunsidrati għar-rimunerazzjoni għal dak ix-xahar fejn dawn it-tibdiliet jiġu nnotifikati lit-taqsima amministrattiva taċ-Ċentru; fejn ir-rimunerazzjoni diġà tħallset ma jistgħax isir l-ebda tibdil.

Kull pagement żejjed għandu jiġi mħallas lura mill-membru tal-persunal liċ-Ċentru.

Artikolu 9

Salarju bażiku

Is-salarju bażiku net huwa l-ammont li jidher għal-livell tal-membru tal-persunal skond l-iskala approvata ta' kull sena mill-Bord.

Is-salarju bażiku gross għandu jikkorrispondi mas-salarju bażiku nett flimkinen mat-taxxa dovuta mill-membru tal-persunal.

[1] Għall-kondizzjonijiet li jirregolaw il-jedd u l-kalkulazzjoni ta' kumpens għat-telf tax'xogħol, irreferi għall-Anness I.

Artikolu 10

Konċessjoni għall-espatrijazzjoni

Din il-konċessjoni għandha titħallas lill-membri tal-persunal fil-gradi A, L u B li, ma' l-ewwel ħatra tagħhom, ma kienux persuni ta' nazzjonalita ta' l-Istat fejn għandhom il-post permanenti fejn jaqdu d-dmirijiet tagħhom u li ma kienux residenti f'dak l-Istat b'mod kontinwu għal tlett snin.

Din il-konċessjoni għandha titwaqqaf f'każ illi l-membru tal-persunal jiġi trasferit fil-pajjiz fejn għandu ċ-ċittadinanza.

L-ammont ta' konċessjoni għandha tiġi stabbilita skond l-Anness II.

Fejn membru tal-persunal jinħatar miċ-Ċentru immedjatament wara li jinħatar minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni internazzjonali oħra fil-pajjiz fejn jaqdi dmirijietu, is-snin ta' servizz f'dan l-impieg għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkulat il-jedd għal din il-konċessjoni u l-ammont.

Artikolu 11

Konċessjonijiet soċjali u tal-Familja

Dawn il-konċessjonijiet għandhom jiġu miżjuda mas-salarju bażiku ta' kull xahar.

1. Konċessjoni għad-dar

Din il-konċessjoni:

(a) għandha titħallas lill-kull membru tal-persunal miżżewweġ, armel, divorzjat, legalment isseparat jew ġuvni u li għandu mill-inqas dipendent wieħed skond l-Anness III ta' dawn ir-Regolamenti;

(b) għandha tkun 6 % tas-salarju bażiku net;

(ċ) f'każ ta' membru tal-persunal mingħajr dipendenti imma fejn il-persuna hija miżżewġa, u fejn ir-raġel jew martu huwa jew hija impjegat jew impjegata bil-qliegħ, il-konċessjoni pagabbli għandha tkun id-differenza bejn is-salarju bażiku net għall-grad B3 pass 1 flimkien mal-konċessjoni pagabbli oriġinarjament lill-membru tal-persunal, u l-paga mħallsa tar-raġel jew martu. Jekk l-ammont ta' l-aħħar huwa l-istess jew iktar minn dak ta' qabel, m'għandux ikun hemm konċessjoni;

(d) m'għandiex titħallas jekk ir-raġel jew il-mara tal-membru tal-persunal huwa jew hija membru ta' organizzazzjoni internazzjonali u fejn il-paga hija għola minn dik tal-membru tal-persunal taċ-Ċentru.

2. Konċessjoni għat-tfal u dipendenti oħrajn

Din il-konċessjoni:

(a) għandha titħallas lill-membri tal-persunal li prinċipalment u b'mod kontinwu imantnu tfal rikonoxxuti legalment jew xi membru tal-familja skond xi obbligazzjoni legali jew ġudizzjarju, jew tifel jew tifla li tilfu l-ġenituri tagħhom u fejn il-membri tal-persunal ħadu r-risponsabbiltà tagħhom;

(b) għandha tkun ta' ammont fiss għall-kull dipendent, stabbilit kull sena fl-iskala approvata mill-Bord;

(ċ) fejn ir-raġel u l-mara jaħdmu għal organizzazzjonijiet internazzjonali, għandha titħallas lill min jirċievi l-konċessjoni għad-dar jew ta' l-istess.

Definizzjonijiet u kondizzjonijiet taħt liema din il-konċessjoni hija mogħtija jinsabu fl-Anness III.

3. Konċessjoni għall-edukazzjoni

Membri tal-persunal li huma intitolati għall-konċessjoni għad-dar u li għandhom tfal dipendenti, skond l-Anness III, li huma fil-primarja, sekondarja jew f'edukazzjoni għola [1], huma intitolati għall-konċessjoni annwali għall-edukazzjoni. Il-konċessjoni għandha tkun ta' darbtejn l-ammont tal-konċessjoni għat-tfal dipendenti u għandha titħallas kollha, għal kull tifel jew tifla, fil-bidu tas-sena skolastika. Il-membru tal-persunal għandu jipprovdi lill-qasam amministrattiv, kull xorta ta' prova ta' infieq fil-bidu tas-sena skolastika.

4. Konċessjoni għat-tfal b'diżabilità u dipendenti oħra

(a) Konċessjoni għat-tfal b'diżabilità jew għal dipendenti oħra għandha titħallas lill-membri tal-persunal li huma prinċipalment u kontinwalment risponsabbli għall-kura tagħhom. It-tfal jew dipendenti għandhom jaderixxu mal-kriterji u mal-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Anness III.

(b) Id-dettalji għall-ħlas u għall-allokazzjoni tal-konċessjoni huma mniżżlin fl-Anness IV.

5. Konċessjoni għall-Kera

(a) Din il-konċessjoni għandha titħallas kull xahar lill-membri tal-persunal ta'grad B, Ċ, A1, A2, L1 u L2 li huma kerrejja jew sub-kerrejja ta' xi akkomodazzjoni u li jħallsu l-kera- dan jeskludi ħlas għas-servizzi li huma kkunsidrati bħala obbligazzjonijiet tal-kerrej fil-pajjiz tar-residenza li huwa iktar minn porzjon speċifiku tas-salarju tiegħu.

(b) Il-metodu kif titħallas din il-konċessjoni huwa mniżżel fl-Anness V.

(ċ) Il-membri tal-persunal li jirċievu konċessjoni għall-kera għandhom jinfurmaw immedjatament lil-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal dwar xi tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħhom li jistgħu jaffetwaw id-dritt tagħhom għal din il-konċessjoni.

(d) Il-konċessjoni m'għandiex titħallas lill-membri tal-persunal:

— li jirċievu konċessjoni nazzjonali simili mill-gvern tal-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom;

— li r-raġel jew il-mara tagħhom jirċievu konċessjoni simili minn organizzazzjoni inetnazzjonali oħra.

6. Konċessjoni għat-trasport

Minħabba l-fatt li l-post tad-dmir huwa l-bogħod minn żoni residenzali u minħabba l-fatt li ċ-Ċentru tas-Satelliti jinsab f'bażi militari fejn ma jasalx it-traspot pubbliku, il-membri tal-persunal taċ-Ċentru għandhom jirċievu konċessjoni b'rata fissa kull xahar. L-ammont għandu jiġi stabbilit mid-Direttur fil-bidu ta' kull sena.

Artikolu 12

Konċessjoni għal dmirijiet żejda

(a) Konċessjoni għal dmirijiet żejda tista' tingħata mid-Direttur lill-membri tal-persunal li huma meħtieġa, fl-interessi tas-servizz, li jieħdu, b'mod temporanju, fir-responsabbiltà tagħhom id-dmirijiet ta' membru tal-persunal ieħor ta' kariga għola. Il-konċessjoni għandha titħallas fuq bażi ta' rimunerazzjoni ta' żewġ passi addizzjonali fil-grad tal-membru tal-persunal u m'għandux jingħata effett sakemm id-Direttur jikkonferma d-dmirijiet żejda tal-membru tal-persunal u li l-membru tal-persunal għamel xahar kontinwu jagħti servizz fil-grad għola msemmi. Il-konċessjoni hija dovuta mid-data attwali meta beda s-servizz.

(b) Konċessjoni żejda tista' tingħata mid-Direttur f'ċerti oqsma, skond kull każ individwali, jekk il-membru tal-persunal jassumi xi risponsabbiltajiet ta' tmexxija ta' grupp ta' membri tal-persunal ta' l-istess grad tiegħu. L-ammont massimu ta' din il-konċessjoni għandha tiġi iffissata mid-Direttur fil-bidu ta' kull sena kalendarja.

Artikolu 13

Konċessjoni għall-installazzjoni

1. Konċessjoni għall-installazzjoni tista' titħallas lill-membri tal-persunal li kellhom il-post tar-residenza tagħhom iktar minn 100 kilometru l-bogħod mill-post tax-xogħol tagħhom meta aċċettaw l-impieg maċ-Ċentru.

2. L-ammont ta' konċessjoni għandha tkun daqs salarju bażiku għal 30 jum.

3. Il-konċessjoni għall-installazzjoni għandha titħallas lill-membru tal-persunal minn qabel kif jassumi d-dmirijiet tiegħu maċ-Ċentru.

4. Il-membri tal-persunal iridu jħallsu lura nofs l-ammont tal-konċessjoni għall-installazzjoni jekk jitilqu mix-xogħol tagħhom minn jeddhom qabel ma jiskadu sentejn.

5. Id-Direttur jista' jawtorizza eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħlas lura fejn l-applikazzjoni stretta tagħhom tista' tikkawża diffikultajiet speċjali.

Artikolu 14

Tnaqqis

1. Taxxa interna

It-taxxa interna għandha tammonta għal 40 % tas-salarju bażiku skond il-grad relevanti. Din is-somma għandha tiġi miżjuda mas-salarju bażiku nett biex jirriżulta s-salarju bażiku gross. Din is-somma għandha tidher bħala tnaqqis ta' kull xahar fuq id-dokument tal-paga.

[1] jiġifieri, eskluži skola tat-trabi jew l-istess.

2. Kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' penzjoni

Tnaqqis ta' 8,3 % kull xahar mis-salarju bażiku nett għandu jsir mill-pagi tal-membri tal-persunal u dan għandu jmur fil-*budget* tal-pensjonijiet taċ-Ċentru.

3. Kontribuzzjonijiet għall-iskema supplimentarja ta' assigurazzjoni

Tnaqqis ta' kull xahar għandu jsir mill-pagi tal-membri tal-persunal fir-rigward ta' l-assigurazzjoni supplimentarja. Il-persentaġġ għandu jiġi ddeterminat kull sena, u għal perjodu ta' 12-il xahar, permezz ta' ftehim bejn iċ-Ċentru u l-kumpanija ta' l-assigurazzjoni li tmexxi l-iskema. L-ammont imnaqqas għandu jiżdied mal-kontribuzzjoni tal-prinċipal fl-aħħar tas-sena lill-kumpanija li tipprovdi l-assigurazzjoni.

Artikolu 15

Ħlas bil-quddiem u ħlas lura

1. Kemm-il darba d-Direttur ma jordnax bil-kontra, il-Kap ta' l-Amministrazzjoni taċ-Ċentru jista', dejjem skond il-flus disponibbli, jawtorizza ħlas bil-quddiem bla interessi lill-membri tal-persunal li jistgħu jiġġustifikaw dan il-bzonn.

2. L-ammont ta' dan il-ħlas bil-quddiem ma jistax ikun iktar mis-salarju ta' tlett xhur.

3. Dan il-ħlas bil-quddiem għandu jitħallas lura permezz ta tnaqqis mill-pagi tal-membri tal-persunal; il-ħlas lura għandu jiġi konkluż fi żmien 10 xhur mit-tmiem tax-xahar meta ngħata l-ħlas bil-quddiem.

KAPITOLU IV

SPEJJEŻ TA' L-IVJAĠĠAR

Artikolu 16

Installazzjoni u tluq

1. Il-membri tal-persunal għandhom il-jedd għall-ħlas lura ta' spejjeż għall-ivjaġġar mill-post tad-dmir ta'qabel sal-post taċ-Ċentru, għalijhom u għall-membri tal-familja li jgħixu magħhom.

2. L-istess jedd għandu jgħodd meta l-membri tal-persunal jitilqu miċ-Ċentru u jirritornaw lejn il-pajjiż fejn kellhom l-impieg qabel ma bdew l-impieg maċ-Ċentru.

3. Il-ħlas lura għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VI, taqsima I ta' dawn ir-Regolamenti.

Artikolu 17

Spejjeż għat-tneħħija

1. Il-membri tal-persunal għandhom jedd għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' tneħħija mill-post tad-dmir tagħhom ta' qabel sal-lokalità taċ-Ċentru.

L-istess jedd għandu jgħodd meta il-membri tal-persunal jitilqu mis-servizzi minn maċ-Ċentru u jirritornaw lejn il-pajjiż fejn kellhom impieg qabel ma bdew l-impieg maċ-Ċentru.

2. Il-ħlas lura ta' l-ispejjez għandu ikopri t-tneħħija ta' l-affarijet personali tad-dar tal-membri tal-persunal, eskluži karozzi, vapuri jew forom oħrajn ta' trasport, sal-limitu, skond il-piż u volum, imniżżel fl-Anness VI.

Il-ħlas lura għandu jsir direttament liċ-Ċentru, mal-produzzjoni tal-kont mill-kumpanija tat-trasport.

Artikolu 18

Vjaġġar fuq xogħol

Il-membri tal-persunal taċ-Ċentru għandhom jedd għall-ħlas lura ta' spejjez ta' l-ivjaġġar uffiċjali fuq xogħol ordnat mid-Direttur [1].

Il-ħlas lura għandu jinkludi l-ispejjez għall-ivjaġġar u għall-akkomodazzjoni u spejjeż assoċjati mal-post fejn jintbagħatu l-impjegati. Il-kondizzjonijiet, rati u dettalji oħra għall-ħlas lura huma mniżżlin fl-Anness VII.

KAPITOLU V

ORGANIZZAZZJONI INTERNA

Artikolu 19

Sieġħat ta' xogħol

(a) Is-sieġħat ta' xogħol normali għall-membri tal-persunal għandhom jkunu ta' 40 sieġħa fil-ġimgħa, li għandhom jiġu konklużi skond skeda ġenerali ordnat mid-Direttur.

(b) Jista' jkun hemm sieġħat ta' xogħol flessibbli bi ftehim mad-Direttur u skond ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal jew ir-rabtiet tax-xogħol partikolari tagħhom.

(ċ) Sahra. Il-membri tal-persunal li jaħdmu wara l-ħin tax-xogħol skond (a) jagħtihom jedd li jieħdu ħin liberu minn flok, jew paga żejda. Madankollu, dan jgħodd bis għas-sahra bi ftehim minn qabel mal-kap tad-dipartiment. Għandu jsir kull sforz biex ix-xogħol wara l-ħin jinżamm baxx

Ix-xogħol wara l-ħin jagħti il-jedd lill-membru tal-persunal ikkonċernat:

(i) għall-ħin liberu minflok; jew

(ii) fejn il-ħin liberu ma jistax jingħata minħabba it-tip ta' xogħol, għall paga ta' sahra b'rata ta' 133 % tas-salarju bażiku.

[1] Dan il-ħlas lura huwa rappreżentattiv ta' l-ispejjeż, u m'għandux jiġi kkunsidrat bħala rimunerazzjoni żejda.

(d) Xogħol bil-lejl

Xogħol bejn 20.30 u 07.00 għandhom jitħallsu bir-rata ta' bil-lejl; madankollu, jekk dawn is-sieħat ikomplu wara ġurnata xogħol mingħajr waqfien ma jiġux ikkunsidrati bħala xogħol ta' bil-lejl sakemm ma jestendux għal perjodu msemmi hawn fuq b'iktar minn sieħa u nofs.

Sieħat ta' xogħol li ma jestendux iktar mill-ammont skond (a) jagħtu l-jedd għar-rimunerazzjoni ta' 50 % tas-salarju bażiku.

Sahra maħduma bil-lejl għandha titħallas b'rata ta' 150 % ta' sahra maħduma matul il-ġurnata.

(e) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, skond id-deċiżjoni tad-Direttur, jista' ikun hemm il-ħtieġa li ċerti membri tal-persunal jaħdmu fi tmiem il-ġimgħa. F'dan il-każ hemm il-jedd ta' ħin liberu għall-istess ħin żejjed ta' ħidma, bi ftehim mal-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal.

(f) Sahra jew xogħol bil-lejl minn uffiċjali fil-gradi A4, L4 u iktar ma jagħtix lok għall-kumpens jew rimunerazzjoni.

Artikolu 20

Festi Pubbliċi

Il-lista ta' festi pubbliċi għanda titlesta mid-Direttur fuq il-bażi tal-lista uffiċjali ta' festi pubbliċi ppubblikata fil-*Boletin Oficial del Estado* (BOE).

Dawn il-fest pubbliċi m'għandhomx jitnaqqsu mil-*leave* annwali tal-membri tal-persunal.

Jekk dawn il-ġranet jinsertaw nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd, id-Direttur jista' jistabbilixxi ġurnata oħra minnflok.

Artikolu 21

Leave

1. Leave ta' kull sena

(a) *Il-jedd*

Il-membri tal-persunal għandhom jedd li jitħallsu *leave* ta' kull sena b'rata ta' 2,5 jiem utli għal kull xahar ta' servizz komplut. Dan il-jedd japplika kull sena kalendarja.

Membri tal-persunal reklutati bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Lulju għandhom jedd għal *leave* minn qabel ta' 15-il jum mill-jedd ta' kull sena tagħhom jekk il-*leave* jittieħed wara d-data l-aħħar msemmija.

Jekk fil-31 ta' Diċembru membru tal-persunal, minħabba l-ħtiġijiet tax-xogħol tiegħu, għandu perjodu ta' *leave* dovut mhux użat, id-Direttur jew persuna inkarigata minnu jista' jawtorizza li dak il-*leave* mhux użat jitressaq għas-sena ta' wara. Kull jedd imressaq imma mhux użat sal-31 ta' Marzu, jaqa'.

(b) *Proċedura amministrattiva*

Membri tal-persunal li jixtiequ jieħdu l-*leave* skond il-jedd tagħhom skond (a) għandhom jiksbu l-awtorizzazzjoni minn qabel mid-Direttur.

Għandu jinżamm rekord tal-*leave* użat mit-taqsima ta' l-amministrazzjoni taċ-Ċentru.

Il-preċedura li għandha tiġi segwita għandha tiġi mniżżla f'memorandum/avviż intern iffirmat mid-Direttur.

(ċ) *Leave mhux użat mat-tluq ta' impjegat*

Leave mhux użat mat-tluq ta' membru tal-persunal miċ-Ċentru għandu jiġi mħassar. Madankollu, jekk id-Direttur jikkonferma bil-kitba, li, minħabba l-ħtiġijiet tax-xogħol, il-membru tal-persunal ma setax juża l-*leave* tiegħu kollu, il-membru tal-persunal ikollu l-jedd għall-ħlas ta' wieħed minn tletin tas-salarju bażiku ta' xahar għal kull ġurnata ta' *leave* hekk akkumulat.

2. Leave mhux imħallas

Mar-rikjesta tal-membru tal-persunal, id-Direttur jista' jagħti *leave* addizzjonali mhux imħallas sa limitu ta' 15-il ġurnata konseguttiva.

Dan m'għandux jaffettwa drittijiet ta' anzjanita jew ta' penzjoni.

Madankollu, it-tnaqqis sħiħ fir-rigward ta' penzjonijiet u tal-ġid soċjali għandu isir bħal li kieku l-membru tal-persunal tħallas normali għall-perjodu ta' *leave* mhux imħallas.

3. Leave għall-mard, leave tal-maternità u tipi oħrajn ta' leave

Leave speċjali għandu jingħata, flimkien mal-*leave* ta' kull sena, għall-mard, maternità jew ċirkostanzi eċċezzjonali.

Dettalji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti jinsabu fl-Anness VIII.

Artikolu 22

***Leave* tad-dar**

(a) Il-membri tal-persunal li għandhom jedd għall-konċessjoni ta' l-espatrijazzjoni għandhom il-jedd għal-*leave* tad-dar, ħlief dawk il-membri tal-persunal li, meta inħatru, kellhom in-nazzjonalità biss tal-pajjiż fejn kellhom l-impieg.

1. Il-*leave* tad-dar għandu jammonta għall-tmint ijiem kull sentejn, ikkalkulat flimkien mal-ħin meħtieġ għall-ivvjaġġar fuq il-bażi ta' l-iktar mezz mgħaġġel.

2. *Leave* tad-dar jista' jittieħed sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu għal-liema jgħodd. Jekk ma jittieħidx fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu għal-liema jgħodd, għandu jiġi kkanċellat fir-rigward ta' dak il-perjodu ta' sentejn. Id-data meta jittieħed il-*leave* tad-dar, għal kull perjodu ta' sentejn, m'għandux jaffetwa d-data meta jittieħed il-*leave* tad-dar li jmiss.

3. Fejn konjuġi huma impjegati maċ-Ċentru u fejn it-tnejn għandhom il-jedd għal-*leave* tad-dar, il-*leave* għandu jingħata skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) fejn it-tnejn li huma għandhom darhom fl-istess pajjiż, kull wieħed għandu l-jedd għal-*leave* tad-dar f'dak il-pajjiż kull sentejn;

(ii) fejn għandhom id-dar f'żewġ pajjiżi differenti, kull wieħed għandu l-jedd għal-*leave* tad-dar fil-pajjiż rispettiv tiegħu kull sentejn;

(iii) it-tfal dipendenti tal-koppja u, jekk xieraq, il-persuna li takkompanja it-tfal, għandu l-jedd għal perjodu wieħed biss ta' *leave* tad-dar kull sentejn; fejn il-ġenituri għandhom darhom f'żewġ pajjiżi differenti, il-*leave* tad-dar jista' jittieħed f'wieħed minn dawk il-pajjiżi.

(b) Il-membri tal-persunal li jieħdu l-*leave* tad-dar għandhom il-jedd, skond il-proċduri fl-Artikolu 18, għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lura tagħhom, tat-tfal tagħhom u, jekk jirċievu konċessjoni tad-dar, għal żewġhom, imma mhux għal konċessjoni ta' kull jum għall-perjodu ta' l-ivvjaġġar.

(ċ) Il-membri tal-persunal li ma jieħdux il-*leave* tad-dar m'għandhomx il-jedd għall-kumpens.

(d) Il-*leave* tad-dar għandu jingħata skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-persuna kkonċernata għandha tintrabat, bil-miktub, li sejra tuża l-*leave* tad-dar fil-pajjiż fejn għandha r-residenza uffiċjali;

(ii) il-persuna kkonċernata għandha tintrabat, bil-miktub, li ma tirriżenjax miċ-Ċentru fis-sitt xhur wara li jintemm il-perjodu li jirrigwarda l-*leave* tad-dar (tkun xi tkun id-data li jittieħed il-*leave*);

(iii) il-kap tat-taqsima/dipartiment għandu jassigura l-probabiltà li ser ikollu bżonn tas-servizzi ta' l-impjegat matul il-perjodu msemmi fil-punt (ii).

In-nuqqas ta' ħarsien tal-punt (i) jrriżulta fl-obbligu li l-membru tal-persunal iħallas lura liċ-Ċentru tas-Satelliti l-ħlas kollu relatat mal-*leave* tad-dar li jkun irċieva u jista' ukoll jirriżulta fit-tnaqqis tal-*leave* mhux użat tal-membru tal-persunal fuq il-bażi ta' l-ammont ta' ġranet użati għal-*leave* tad-dar. Id-Direttur jista' jid-deroga mid-dispożizzjonijiet fil-punt (ii) u punt (iii) jekk jaħseb li applikazzjoni stretta tagħhom tista' tikkawża inġustizzja jew difficultajiet partikolari lill-membru tal-persunal ikkonċernat.

Artikolu 22a

***Leave* speċjali**

(a) Membri tal-persunal li jissejħu biex iservu fl-armata għal perjodu ta' taħriġ għandhom il-jedd għal *leave* speċjali mħallas għall-massimu ta' żewġ ġimgħat fis-sena jew erba' ġimgħat kull sentejn. Perjodi ta' sejħa li jestendu iktar minn dawn il-limiti għandhom jitnaqqsu mil-*leave* ta' kull sena ta' l-impjegat.

(b) Jekk il-membri tal-persunal jirċievu xi kumpens finanzjarju mill-awtorità nazzjonali li sejħithom, dan il-kumpens għandu jitnaqqas mis-salarju tagħhom.

KAPITOLU VI

RAPPORTI U PROMOZZJONIJIET

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ix-xogħol ta' kull membru tal-persunal, ħlief dak tad-Direttur, għandu jiġi valutat darba fis-sena sal-15 ta' Diċembru l-iktar tard.

Ir-rapporti għandhom jikkummentaw fuq il-proficjenza relattiva tal-membri tal-persunal u għandhom jipprovdu l-opportunità li jfaħħru xogħol tajjeb jew, b'mod kontrarju, iwissu kontra xi nuqqasijiet bil-mira li s-servizz isir dejjem aħjar.

2. Ir-rapporti għandhom jikkonċernaw il-kriterji li ġejjin:

(a) l-għaqal u l-puntwalità,

(b) il-kwalità u l-ħeffa fix-xogħol,

(ċ) inizjattiva,

(d) proprjetà u relazzjonijiet umani.

Il-valutazzjoni sħiħa għandha tiġi mqassra f'forma ta' rapport annwali u tinżamm fil-fajl personali tal-membri tal-persunal.

Artikolu 24

Il-proċedura

1. Id-Direttur għandu jinnomina l-membri tal-persunal li huma responsabbli li jirrapportaw dwar il-persunal li jaqaw totalment jew parzjalment taħthom.

2. Meta jinkitbu r-rapporti kollha, id-Direttur għandu jsejjaħ Bord tal-Promozzjonijiet, immexxi minnu stess, u għandu jinkludi l-membri tal-persunal kollha li kitbu rapport wieħed jew iktar. Il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persual għandu jattendi kull laqa' tal-Bord tal-Promozzjonijiet u għandu d-dritt li jivvota fir-rigward tan-nies li jaqaw taħtu u rwol konsultattiv fir-rigward ta' nies oħrajn.

3. Fuq il-bażi tal-parir tal-Kap ta' l-Amministrazzjoni, id-Direttur għandu jagħmel valutazzjoni definittiva ta' kull membru tal-persunal u għandu jordna li jinkitbu rapporti li għandhom jiġu iffirmati mill-membri kollha tal-Bord tal-Promozzjonijiet.

4. Kull membru tal-persunal għandu jiġi intervistat mid-Direttur personalment, jew mill-persuna inkarigata minnu jekk huwa neċessarju, normalment waqt sessjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet. Għandu jiġi innotifikatt bil-valutazzjoni annwali tiegħu u għandu jiffirma il-forma tar-rapport. B'hekk jixhed li kien infurmat bir-rapport.

5. Ir-rapport ta' kull sena hija miżura amministrattiva għall-użu intern u m'hemx dritt għal appell lil kull xorta ta' korp estern.

Artikolu 25

Azzjoni wara r-rapporti

1. Rapport eċċezzjonalment tajjeb jista' jiġġustifika promozjoni eċċezzjonali ta' pass jew anki grad għola jekk dan huwa possibbli fir-rigward tal-*budget* tal-pożizzjoni jew l-għotja tal-*bonus* finanzjarju. L-ammont massimu ta' *bonus* li jista' jingħata għandu jiġi stabbilit mid-Direttur fil-bidu tas-sena kalendarja.

2. Żewġ rapporti negattivi suċċessivi għandhom jiġġustifikaw li l-membru tal-persunal jitħalla fil-pożizzjoni preżenti għal sena oħra.

3. Żewġ rapporti jew iktar rapporti negattivi jistgħu jiġġustifikaw in-nuqqas li jiġġedded il-kuntratt.

KAPITOLU VII

MIŻURI DIXXIPLINARJI

Artikolu 26

Definizzjonijiet

1. Membru jew ex-membru tal-persunal jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinajrja sempliċi, finanzjarja jew statutorji f'każ ta' nuqqas li jikkonforma ma' l-obbligazzjonijiet tiegħu skond ir-Regolamenti ta' l-impjieg, intenzjonalment jew minħabba negligenza mill-parti tiegħu, minkejja il-kumpens li huwa obbligat iħallas skond l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 27 ta' dawn ir-regolamenti.

(a) Miżuri dixxiplinarji sempliċi jinkludu:

— twissija verbali;

— ċensura bil-miktub.

(b) Miżuri finanjarji jinkludu:

— ċaħda ta' żieda fis-salarju ta' kull sena.

(ċ) Miżuri statutorji għandhom jinkludu:

— waqfien temporanju mid-dmirijiet li jimplika ċ-ċaħda tal-pagi totali jew parzjali;

— tneħħija mill-pożizzjoni, li jinvolvi t-terminazzjoni tal-kuntratt, bil-possibilità li tintilef, totalment jew parzjalment, il-kumpens għat-telf ta' xogħol, u bil-possibilità li jitnaqqsu jew jiġu sospiżi l-benefiċji ta' l-iskema ta' penzjoni.

Miżuri dixxiplinarju għandhom jiġu deċiżi nid-Direttur; miżuri dixxiplinarji sempliċi jistgħu jiġu deċiżi mil-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persual, li jaġixxi għad-Direttur, ħlief għal meta tissejjaħ laqa' tal-Bord Dixxiplinarju [1].

2. Jekk membru tal-persunal huwa akkużat b'kondotta ħażina serja, u d-Direttur jaħseb li l-akkuza hija prima facie ffondata, u li hemm riskju ta' preġudizzju lejn iċ-Ċentru jekk il-membru tal-persunal ikompli jaħdem hemm, l-membru tal-persunal jista' jiġi sospiż immedjatament mingħajr ħlas skond id-diskrezzjoni tad-Direttur.

Artikolu 27

Kumpens għad-danni

Il-membri tal-persunal jistgħu jiġu obbligati li jħallsu kumpens, totali jew parzjali, għal kull tip ta' ħsara liċ-Ċentru kawżata minhom b'negligenza serja jew b'att konxju. Fejn il-membru tal-persunal ikun telaq miċ-Ċentru, jista' jittieħed persentaġġ, sa 70 %, tal-benefiċji ta' l-iskema ta' penzjoni bħala kumpens.

Artikolu 28

Notifikazzjoni ta' ilmenti

Meta ssir proposta biex tittieħed miżura dixxiplinarja kontra membru tal-persunal skond l-Artikolu 26, għandu jiġi nnotifikat fi żmien jumejn sħaħ wara li t-talba għall-miżura dixxiplinarja tkun saret lid-Direttur jew lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal. Din in-notifika għandha tinkludi d-dokumenti relatati mal-bażi tat-talba kontra l-membru tal-persunal, flimkien mar-rapporti kollha dwaru.

Artikolu 29

Bord dixxiplinarju

Fi żmien ħamest ijiem utli minn meta jiġi nnotifikat skond l-Artikolu 28, il-membru tal-persunal ikkonċernat jista' jagħmel talba li l-każ tiegħu jinstema' quddiem Bord Dixxiplinarju, u dan għandu jiltaqa' fi żmien ħamest ijiem. Il-Bord Dixxiplinarju għandu jiltaqa' fil-ġimgħa ta' wara d-data li tinħareġ il-konvokazzjoni.

Il-kompożizzjoni u l-proċeduri tal-Bord tad-Dixxiplina jinsabu fl-Anness IX.

L-opinjoni tal-Bord tad-Dixxiplina m'għandux jorbot id-Direttur.

KAPITOLU VIII

APPELL U L-BORD TA' L-APPELL

Artikolu 30

Appelli

Membri tal-persunal fis-servizz jew ex-membri tal-persunal, jew l-eredi jew assenji tagħhom, jistgħu jappellaw minn deċiżjoni tad-Direttur. Dawn l-appelli, jew proċeduri li jirriżultaw minnhom, ma jwaqqfux l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li qed jiġu appellati.

1. Appelli amministrattivi interni

Il-proċedura ta' appell amministrattiv intern jippermetti membru tal-persunal li jħoss illi d-drittijiet tiegħu ċċaħħdu li jagħmel talba raġunata lid-Direttur taċ-Ċentru biex jirrevoka d-deċiżjoni li allegatament huwa kontra d-drittijiet tal-membru tal-persunal.

[1] F'dan il-każ, il-miżura dixxiplinarja għandu tiġi deċiza mid-Direttur stess.

Id-Direttur għandu jirrikonoxxi din it-talba u għandu jirrispondi fi żmien ħamest ijiem ċari mid-data li jirċievi t-talba.

F'kaz ta' risposta mhux favorevoli, il-membru tal-persunal jista' jitlob il-medjazzjoni. M'hemmx obbligu għall-medjazzjoni.

2. Medjazzjoni

Il-medjatur għandu jkun espert indipendenti u legali, maħtur mid-Direttur għall-perjodu ta' tlett snin, liema perjodu jista' jiġġedded.

Id-Direttur u l-membru tal-persunal ikkonċernat għandhom jipprovduh bid-dokumenti kollha li huma neċessarji għall-eżaminzzjoni tal-każ.

Għandu jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu fi żmien 15-il ġurnata mid-data li ngħata l-każ.

Dawn il-konklużjonijiet ma jorbtux lid-Direttur jew il-membru tal-persunal ikkonċernat.

L-ispejjeż tall-medjazzjoni għandhom jitħallsu miċ-Ċentru jekk id-Direttur ma jaċċettax il-konklużjonijiet; 50 % ta' l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-membru tal-persunal jekk il-membru tal-persunal stess ma jaċċettax il-konklużjonijiet.

3. Appelli Kontenzjużi

Wara li jiġu eżawriti l-possibiltajiet ta' l-ewwel rikors (appell amministrattiv intern), il-membri tal-persunal huma liberi li jirrikorru għall-Bord ta' l-Appell taċ-Ċentru għal deċiżjoni.

Il-kompożizzjoni, operat u proċeduri speċifiċi ta' dak il-korp jinsabu fl-Anness X.

4. Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell

Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell għandhom jorbtu ż-żewġ partijiet. M'hemmx appell minn dawn id-deċiżjonijiet.

(a) Il-Bord jista' jannulla jew jikkonferma d-deċiżjonijiet ikkonċernati.

(b) Il-Bord jista', inċidentalment, jordna li ċ-Ċentru jikkumpensa lill-membru tal-persunal għal xi ħsarat materjali li jkun bata mid-data meta d-deċiżjoni annullanta daħlet fis-seħħ.

(ċ) Il-Bord jista' ukoll jordna liċ-Ċentru jħallas lura, fil-limiti stabbiliti mill-Bord, spejjeż xierqa li ħallas l-attur, kif ukoll spejjeż realatati mat-trasport u għajxien li tħallsu mix-xhieda li nstemgħu. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kkalolati skond l-Artikolu 18 u l-Anness VII ta' dawn ir-Regolamenti.

KAPITOLU IX

SKEMA TA' PENZJONI

Ir-regoli u l-kondizzjonijiet relevanti kollha jinstabu fir-Regoli taċ-Ċentru dwar l-Iskema ta' Penzjoni, u dan skond l-iskema ta' penzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Koordinati.

Ir-Regoli ta' l-Iskema tal-Penzjoni huma parti integrali tar-Regolamenti ta' l-Impieg taċ-Ċentru. L-Artikoli 31 sa 36 hawn taħt huma biss verżjoni mqassra tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' l-Iskema tal-Penzjoni u t-test ta' dan l-aħħar imsemmi jgħodd.

Artikolu 31

Konċessjoni tat-tluq

1. Membru tal-persunal li jitlaq miċ-Ċentru qabel li jkun għamel għaxar snin fis-servizzi [1] għandu jkollu dritt għal konċessjoni tat-tluq (kif previst fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Penzjoni).

2. Il-konċessjoni għandha tkun iffurmata minn żewġ affarijiet:

— ammont ekwivalenti għal salarju bażiku net ta' xahar u nofs, immultiplikat bin-numru ta' snin (jew partijiet ta' snin) ta' servizz;

— l-ammont totali ta' tnaqqis mis-salarju bażiku nett fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet għall-penzjoni b'rata ta' interess kompost ta' 4 % kull sena.

Artikolu 32

Penzjoni ta' tluq

1. Membri tal-persunal li attwalment servew għal għaxar snin jew iktar maċ-Ċentru [2] għandhom jedd għal penzjoni ta' tluq. Kif jgħaddu l-għaxar snin, il-membri tal-persunal għandhom il-jedd li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal penzjoni immedjata jew differita f'kull waqt.

2. L-ammont ta' penzjoni għandu jkun proporzjonali għan-numru ta' snin ta' servizzi attwali. Għandha titħallas lill-membri tal-persunal kull xahar bħala annwalità.

3. Ħlief għal xi deċiżjoni eċċezzjonali tad-Direttur, il-membri tal-persunal għandhom dritt awtomatiku li jirċievu penzjoni kif jgħalqu l-65 sena jekk servew għall-inqas 10 snin.

Artikolu 33

Penzjoni għall-invalidità

1. Skond l-Artikolu 6(4) ta' dawn ir-Regolamenti, membru tal-persunal li huwa rikonoxxut li qed isofri minn invalidità permanenti li ma tippermettix il-kumplament tad-dmirijiet ta' xogħlu b'mod totali, għandu dritt għall-penzjoni ta' invalidità.

2. L-ammont ta' penzjoni ta' invalidità għandu jkun ugwali għall-penzjoni ta' tluq li l-membru tal-persunal ikollu jedd għalih meta jilħaq l-età stabbilita f'dawn ir-Regolamenti jekk kompla fis-servizz tiegħu sa dik l-età, mingħajr il-bżonn ta' minimu ta' 10 snin ta' servizz skond l-Artikolu 32(1). Għandha titħallas lill-membrui tal-persunal kull xahar, f'forma ta' annwalità li għandu jibda fl-1 tax-xahar wara d-data li tiġi uffiċjalmet rikonoxxuta l-invalidità.

[1] Snin ta' servizz rikonoxxibbli tal-passat f'Organizzazzjoni Koordinata oħra għandhom jiġu kkunsidrati meta qed jiġi kkalkulat dan il-jedd, sakemm dak il-membru tal-persunal ma kienx jirċievi din il-konċessjoni fil-pożizzjoni li kellu qabel.

[2] Snin ta' servizz rikonoxxibbli tal-passat għandhom jiġu kkunsidrati meta qed jiġi kkalkulat dan il-jedd, sakemm il-membru tal-persunal daħal maċ-Ċentru mhux aktar minn sitt xhur wara t-tluq tiegħu mill-organizzazzjoni l-oħra.

Artikolu 34

Penzjoni għas-sopravissuti

1. Fejn membru tal-persunal li għadu fis-servizz jew li għandu d-dritt għal penzjoni ta' invaliditá jew għal penzjoni immedjata jew differita ta' tluq imut, ir-raġel jew martu jkollu/ikollha d-dritt għal din il-penzjoni.

2. Din il-penzjoni għandha titħallas kull xahar lill-konjuġi ħaj f'forma ta' annwalità li għandu jibda mill-1 tax-xahar wara d-data li miet l-membru tal-persunal ([1]).

3. Il-jedd għall-penzjoni tas-sopravissut jintemm fl-aħħar tax-xahar li tmut il-persuna sopravissuta jew fl-aħħar tax-xahar li tintemm l-eżistenza tal-kondizzjonijiet neċessarji għal dak il-jedd.

Artikolu 35

Penzjoni għat-tfal dipendenti jew mingħajr ġenituri

1. Fejn membru tal-persunal li għadu fis-servizz jew li għandu d-dritt għal penzjoni ta' invaliditá jew għal penzjoni immedjata jew differita ta' tluq imut, it-tfal tiegħu jew dipendenti oħra ikollhom il-jedd għall-penzjoni skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Penzjoni.

2. "Tfal jew dipendenti oħrajn" jirreferi għall-persuni li jissodisfaw il-kondizzjonijiet taħt l-Anness IV tar-Regolamenti ta' l-Impieg. Tfal li jitwieldu mhux aktar minn 300 jum wara l-mewt tal-membru tal-persunal għandhom ikollhom il-jedd għal din il-penzjoni.

3. Il-jedd għal din il-penzjoni jintemm fl-aħħar tax-xahar li t-tifel/tifla jew dipendenti oħra ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal din il-konċessjoni.

Artikolu 36

Penzjojnijiet temporanji

1. Fejn membru tal-persunal fis-servizz jew ex-membru tal-persunal li jirċievi pernzjoni ta' tluq jew ta' invaliditá ilu nieqes għal aktar minn sena f'ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-preżunzjoni tal-mewt, il-konjuġi jew persuni rikonoxxuti bħala dipendenti jistgħu, proviżjonalment, jingħataw penzjoni ta' sopravissut, jew penzjoni ta' tfal bla ġenituri, kif xieraq.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1 għandhom jgħoddu lill-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' armel/armla li jirċevi/tirċievi penzjoni ta' sopravissut/a li ilu nieqes għal iktar minn sena.

3. Penzjonijiet proviżjonali taħt il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu konvertiti f'penzjonijiet definittivi fejn il-mewt tal-membru tal-persunal jew ir-raġel/il-mara ġie stabbilit uffiċjalment jew fejn dik il-persuna ġiet iddikjarata nieqsa f'deċiżjoni finali mill-qorti.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET LI JAPPLIKAW GĦALL-IMPJEGATI TEMPORANJI

Artikolu 37

Dispożizzjonijiet statutorji

Persunal temporanju huma nies żejda reklutati għal żmien qasir. M'għandhomx l-istess status tal-membri tal-persunal internazzjonali, u huma totalment soġġetti għal-liġijiet tal-pajjiż fejn qegħdin u l-pajjiz tagħhom stess.

1. Persunal temporanju huma dawk li ma jokkupawx pożizzjonijiet fil-*budget* skond it-tabella stabbilita taċ-Ċentru.

2. Dawn l-impjegati għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' Titolu I u d-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' Titolu II:

— Kapitolu I: L-Artikolu 3(2) (assistenza u kumpens), (4) (attivitajiet esterni) u (5) (kandidatura għall-uffiċju pubbliku jew politiku)

— Kapitolu II: L-Artikoli 5 (limtiu ta' l-età ta' l-impieg) u 6 (eżaminazzjonijiet mediċi)

— Kapitolu III: L-Artikolu 15 (avvanzi tas-salarju)

— Kapitolu IV: L-Artikoli 17 (spejjeż ta' tneħħija) u 18 (vjaġġar fuq-xogħol)

— Kapitolu V: L-Artikoli 19 (siegħat ta' xogħol) u 20 (festi pubbliċi)

— Kapitolu VII: L-Artikolu 27 (kumpens għad-danni)

— Kapitolu VIII: (appelli) - soġġett għall-Artikolu 40(3)

Artikolu 38

Kuntratti

Persunal temporanju għandhom jitqabbdu biex jaħdmu għal perjodu minn xahar sa sitt xhur. Il-kuntratti għandhom jiġġeddu taħt l-istess kondizzjonijiet. Iċ-Ċentru u l-membru tal-persunal temporanju jista' jtemm il-kuntratt b'avviż minn qabel ta' għaxart ijiem ċari.

Artikolu 39

Rimunerazzjoni

1. Ir-rimunerazzjoni ta' persunal temporanju għandu jiġi stabbilit mill-kuntratt; għandu jikkonsisti minn salarju tax-xahar nett ħlief xi konċessjonijiet, tkun xi tkun is-sitwazzjoni tal-familja jew is-sitwazzjoni soċjail tal-persuna kkonċernata.

2. M'għandux ikun hemm l-ebda tnaqqis fir-rigward ta' skemi tal-penzjoni għar-raġuni li persunal temporanju ma jibbenifikawx minn din l-iskema.

([1]) Jew li jibda fid-data li l-ħlas ta' salarju lill-membru tal-persunal mejjet waqaf.

3. Fil-bidu tas-sena r-rimunerazzjoni tal-persunal temporanju għandha tiżdied bl-istess perċentaġġ li tiżdied dik tal-membri tal-persunal mill-Bord.

Artikolu 40

Dispożizzjonijiet speċjali

1. Spejjeż ta' installazzjoni u tluq

Persunal temporanju ma jistgħux isaqsu għall-ħlas lura ta' spejjeż ta' installazzjoni u tluq għall-familji tagħhom.

2. Leave

Persunal temporanju għandhom id-dritt għal ġurnata u nofs *leave* f'kull xahar ta' servizz.

3. Kwistjonijiet

Kwistjonijiet interni dwar id-drittijiet u r-rinumerazzjoni tal-persunal temporanju għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura ta' l-appelli skond l-Artikolu 30 ta' dawn ir-Regolamenti.

Kull kwistjoni oħra għandha taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta' l-Istat fejn jinsabu.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI LILL-ESPERTI U ESPERTI SEKONDATI

Artikolu 41

Dispożizzjonijiet finanzjarji u statutorji

1. Esperti u esperti sekondati għandhon l-istatus ta' visitaturi fiċ-Ċentru. Għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' Titolu I ta' dawn ir-Regolamenti, u għandhom ikunu jafuhom mal-ħatra tagħhom.

2. Ir-rimunerazzjoni totali tagħhom għandu jiġi stabbilit kif jibdew l-attivitajiet tagħhom maċ-Ċentru; għandhom jitħallsu f'porzjonijiet suċċessivi, kif stabbilit mid-Direttur, skond ir-riżultati tax-xogħol li tqabbdu biex jagħmlu.

3. Esperti li nħatru għandhom il-jedd għal ħlas lura ta' spejjeż ta' l-ivvjaġġar tagħhom biss biex jaslu sa u biex jitilqu miċ-Ċentru. B'mod eċċezzjonali, u skond id-deċiżjoni tad-Diretttur, dan il-ħlas lura jista' jingħata lill-persuna taħt taħriġ.

4. Esperti sekondati minn Stati terzi għandhom l-istatus ta' viżitaturi fiċ-Ċentru. għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' Titolu I ta' dawn ir-Regolamenti, u għandhom ikunu jafuhom mal-ħatra tagħhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Ċentru tas-Satelliti ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 42

Rappreżentazzjoni tal-persunal

(a) Laqgħa ġenerali tal-membri tal-persunal kollha, li għandha ssir ta' kull sena, għandha, skond proċedura approvata mid-Direttur, teleġġi Kumitat tal-persunal li għandha taġixxi bħala l-korp eżekuttiv tal-persunal.

(b) Il-Kumitat tal-persunal għandu:

1. jiddefendi l-interessi personali tal-persunal kollha taċ-Ċentru tas-Satelliti;
2. jagħmel proposti għat-titjib tal-kumdità ta' l-impjegati;
3. jagħmel suġġerimenti dwar attivitajiet soċjali, kulturali u sportiv għall-persunal;
4. jirrapreżenta l-membri tal-persunal kollha fir-rigward ta' assoċjazzjonijiet tal-persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

ANNESS I

KUMPENS GĦAT-TELF TA' L-IMPIEG

Riferenzi: (a) l -Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-persunal.

(b) l-Anness V tar-Rapport numru 78 tal-Kumitat tal-Koordinazzjoni ta' l-Esperti tal-Budget tal-Gvern, Awissu 1972.

1. **Ċirkostanzi fejn tingħata l-kumpens**

Kumpens għat-telf ta' l-impieg (1) tista' tingħata lill-membru tal-persunal li ntemmlu l-kuntratt għal wieħed minn dawn ir-raġunijiet:

(a) trażżin tal-pożizzjoni skond il-*budget*;

(b) tbiddil fid-dmirijet fil-pożizzjoni skond il-*budget* okkupat mill-membru tal-persunal ta' ċerta tip li l-membru tal-persunal jispiċċa mingħajr il-kwalifiki neċessarji;

(ċ) l-irtirar mill-Bord ta' l-Istati Membri li l-membru tal-persunal huwa ċittadini tiegħu;

(d) it-trasferiment tal-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru b'iktar minn 100 km mill-post fejn il-membru tal-persunal tqabbad biex jaħdem, u l-nuqqas ta' ħeġġa tal-membru tal-persunal li jiċċaqlaq għar-raġuni li dan ma kienx imsemmi fil-kuntratt;

(e) l-irtirar ta' clearance tas-sigurtà (2) mill-membru tal-persunal għar-raġunijiet differenti minn dawk dixxilplinarji.

Il-kumpens m'għandux ikun dovut jekk:

(f) il-membru tal-persunal kiseb postazzjoni oħra ta' l-istess grad fiċ-Ċentru;

(g) l-membru tal-persunal inħatar f'organizzazzjoni internazzjonali oħra fl-istess lokalità;

(h) il-membru tal-persunal, bħala impjegat pubbliku ta' Stat Membru, kiseb re-integrazzjoni u rimunerazzjoni fl-amministrazzjoni ta' pajjiżu fi żmien 30 jum mit-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu maċ-Ċentru;

(i) il-kuntratt tal-membru tal-persunal intemm bħala riżultat ta' proċedura dixxiplinarja.

2. **Ħlas ta' kumpens lill-membri tal-persunal li servew għal inqas minn 10 snin maċ-Ċentru** (3)

Sakemm il-kuntratt preżenti ma ntemmx, dawn il-membri tal-persunal għandhom il-jedd għal kumpens li jammonta għal 50 % tar-rimunerazzjoni tagħhom ta' kull xahar li għandu jiġi mmultiplikat bin-numru ta' xhur (4) li baqa' sakemm kellu jintemm il-kuntratt, sa massimu ta' rimunerazzjoni ta' 5 xhur. Rimunerazzjoni nett għandha tiġi kkunsidrata bħala s-salarju bażiku bil-konċessjonijiet addizzjonali kollha u kumpens imħallas ta' kull xahar.

3. **Ħlas ta' kumpens lill-membri tal-persunal li servew iktar minn 10 snin maċ-Ċentru** (3)

Dawn il-membri tal-persunal għandhom il-jedd għal kumpens ta' 100 % tar-rimunerazzjoni tagħhom ta' kull sena ta' sevizz maċ-Ċentru, sa massimu ta' 24 xahar.

L-ammont ta' kumpens m'għandux jirrapreżenta n-numru ta' xhur (4) jeċċedi l-perjodu li l-membru tal-persunal għandu jservi qabel ma jilħaq l-età speċifikata fl-Artikolu 5 ta' dawn ir-Regolamenti.

---

(1) Differenti mill-konċessjoni għat-tluq, li jirrapreżenta biss sistemazzjoni tad-drittijiet tal-penzjoni.

(2) F'każijiet fejn il-pożizzjoni okkupata tehtieġ il-*clearance*.

(3) Jew 10 snin akkumulati u kontinwi ta' servizz maċ-Ċentru u organizzazzjoni internazzjonali oħrajn.

(4) Jew partijiet minn xhur f'termini ta' tletinijiet.

ANNESS II

KONĊESSJONI GĦALL-ESPATRIJAZZJONI

1. Membri tal-persunal li għandhom il-jedd skond l-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-persunal għandhom jirċievu konċessjoni ta' espatrijazzjoni ta' kull xahar. L-ammont ta' konċessjoni għandu jkun ta':

   (a) għal dawk il-membri tal-persunal li għandhom il-jedd għall-koċessjoni tad-dar:

   — 18 % tas-salarju msemmi tul l-ewwel 10 snin ta' servizz;

   — 17 % tas-salarju msemmi tul il-ħdax il-sena ta'sevizz;

   — 16 % tas-salarju msemmi tul it-tnax il-sena ta'sevizz;

   — 15 % tas-salarju msemmi tul l-erbatax il-sena ta'sevizz;

   (b) għall-membri tal-persunal li m'għandhomx jedd għall-konċessjoni tad-dar:

   — 14 % tas-salarju msemmi tul l-ewwel 10 snin ta' servizz;

   — 13 % tas-salarju msemmi tul il-ħdax il-sena ta'sevizz;

   — 12 % tas-salarju msemmi tul it-tnax il-sena ta'sevizz;

   — 11 % tas-salarju msemmi tul l-erbatax il-sena ta'sevizz.

2. Is-salarju msemmi għandu jkun is-salarju bażiku nett mħallas fil-pass numru 1 tal-gradi tal-membri tal-persunal.

3. Il-Konċessjoni ta' l-espatrijazzjoni m'għandiex tkun iktar baxxa mis-salarju bażiku li għandha titħallas fil-grad B3 pass 1.

ANNESS III

TFAL U DIPENDENTI OĦRAJN

1. **Tfal dipendenti**

(a) Tifel/tifla leġittimu/a, naturali jew adottat/a legalment u rikonoxxut/a huwa/hija kkunsidrat/a bħala dipendenti tal-membru tal-persunal fejn it-tifel jew tifla huwa/hija mantenut/a u edukat/a kontinwalment mill-membru tal-persunal, u li jgħix/tgħix kontinwalment mal-familja, fl-istess lokalità fejn il-membru tal-persunal għandu l-pożizzjoni jew fil-lokalità fejn il-ġenitur l-ieħor/oħra joqgħod/toqgħod.

(b) Il-membru tal-persunal ikkonċernat għandu jippreżenta dokumenti lill-qasam amministrattiv li jiċċertifikaw legalment li t-tifel/tifla huwa/hija dipendenti fuqu għall-manteniment materjali.

(ċ) Tifel/tifla m'għandux/għandiex jiġi/tiġi kkunsidrat/ikkunsidrata bħala dipendenti tal-membru tal-persunal:

— meta jilħaq/tilħaq l-età ta' 26 sena;

— meta, qqabl ma jilħaq tilħaq dik l-età, jaqla'/taqla salarju, flus b'meritu tiegħu/tagħha;

— fejn il-membru tal-persunal jew il-konjugu li jieħu hsieb it-tifel/tifla jirċievi, skond il-liġijiet jew regolamenti ta' pajjiżu, jew tal-pajjiż fejn qegħdin, konċessjoni għall-istess raġuni;

(d) Il-qasam amministrattiv għadu d-dritt li jsaqsi għal dokumenti uffiċjali jew notarili li teħtieġ biex jistabbilixxi li hemm dritt għall-konċessjoni relatata.

2. **Dipendenti oħrajn**

(a) Persuna oħra, ħlief dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu kkunsidrati bħala dipendenti tal-membru tal-persunal skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— huwa ġenitur jew persuna li jiġi minnu mill-viċin bid-demm jew biż-żwieġ;

— jgħix kontinwament mal-membru tal-persunal jew il-konjugu/a, jew jiddaħħal regolarment f'istituzzjoni għall-kura medika speċjalizzata;

— il-persuna m'għandiex mezzi biżżejjed beiex imanti lilha nnifisha.

(b) Il-membru tal-persunal ikkonċernat għandu jipprovdi evidenza ċara lill-qasam amministrattiv li l-persuna hija dipendenti għall-manteniment materjali.

(ċ) Il-qasam amministrattiv għadu d-dritt li jsaqsi għal dokumenti uffiċjali jew notarili li teħtieġ bies jistabbilixxi li hemm dritt għall-konċessjoni relatata

ANNESS IV

DIPENDENTI B'DIŻABILITÀ

1. Persuna dipendenti hija kkunsidrata bħala ħandikappata jekk jiġi ċċertifikat medikalment li din il-persuna ssofri minn diżabilità serja u permanenti li teħtieġ xi kura speċjali jew superviżjoni mħallsa, jew edukazzjoni jew taħriġ speċjali.

2. Id-Direttur għandu jieħu d-deċiżjoni li jħallas din il-konċessjoni wara li jkun ikkonsulta ma' Bord li għandu joħloq għal dan il-għan, u li għandu jkollu mill-inqas mediku wieħed. Fid-deċiżjoni id-Direttur għandu jispeċifika għal liema perjodu għandha titħallas il-konċessjoni, bla ħsara li dan jiġi rivedut.

3. Il-kriterju għall-jedd għad dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti għandu jkun dak ta' inkapaċità serja u kontinwa tal-funzjonijiet u attivitajiet fiżiċi u mentali.

   Persuni dipendenti jistgħu għalhekk jiġu kkunsidrati bħala b'diżabilità jekk dawn isofru minn:

   — marda serja jew kronika tas-sistema nervuża ċentrali jew awtomatika, ikkawżat b'kull mod, per eżempju, mard tal-moħħ, *myopathy* u paraliżi *autonomic*;

   — marda serja li taffettwa l-*locomotor system*;

   — marda serja ta' wieħed jew aktar mis-sistemi tas-sensi;

   — mard tal-moħħ kroniku u li jinkapaċita l-persuna.

   Il-lista msemmijja m'għandiex titqies bħala inklusiva għal kollox. Għandha sservi biss ta' indikazzjoni u m'għandiex tintuża bħala bażi biex jiġi eżaminat il-livell ta' inkapaċità jew disabilità.

4. L-ammont ta' konċessjoni għandu jkun l-istess bħal l-ammont ta' konċessjoni għat tfal dipendenti, u għandu jkun indipendenti minnu.

5. Fejn il-membru tal-persunal ikkonċernat jew id-dar tiegħu huma intitolati għal konċessjoni simili minn skema nazzjonali jew internazzjonali, l-ammont ta' konċessjoni li għandu jitħallas miċ-Ċentru huwa dak l-ammont, mogħti miċ-Ċentru, li jeċċedi l-ammont imħallas taħt l-iskema nazzjonali jew internazzjonali.

ANNESS V

KONĊESSJONI GĦALL-KERA

1. L-ammont ta' konċessjoni għandu jkun maħdum fuq proporzjoni tad-differenza bejn il-kera mħallsa, ħlief xi spejjeż skond l-Atikolu 11(5)(a), u s-somma kkalkulata kif ġej:

   (a) 15 % tas-salarju bażiku nett għall-membri tal-persunal fil-gradi Ċ u B, sa u inkluż B.4;

   (b) 20 % tas-salarju bażiku nett għall-membri tal-persunal fil-gradi B.5 u B.6;

   (ċ) 22 % tas-salarju bażiku nett għall-membri tal-persunal fil-gradi A.1 u L.1.

2. Il-proporzjon imsemmi għandu jkun ta':

   (a) 50 % għall-membri tal-persunal mhux miżżewġin u membri tal-persunal mingħajr dipendenti;

   (b) 55 % għal membri tal-persunal b'dipendent wieħed;

   (ċ) 60 % għal membri tal-persunal b'żewġ dipendenti jew iktar.

3. Il-konċessjoni m'għandiex teċċedi:

   (a) 10 % tas-salarju bażiku nett ta' l-membru tal-persunal ikkonċernat fil-gradi Ċ sa B.4 inklussivi;

   (b) 15 % tas-salarju bażiku nett fil-gradi B.5 u B.6, u A.1 u L.1.

Is-salarju bażiku net għandu jitqies bħala is-salarju attwali mogħti skond l-iskali annwali kif jiddeċiedi l-bord, u jeskludi żidiet jew tnaqqis mill-paga.

ANNESS VI

SPEJJEŻ GĦALL-IVJAĠĠAR U GĦAT-TNEĦĦIJA

TAQSIMA I — **Spejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-persunal u l-familji tagħhom bejn il-post tar-residenza u l-post fejn jaqdu dmirijiethom**

1. Membri tal-persunal li joqgħodu iktar minn 100 km il-bogħod minn fejn jaqdu dmirijiethom għandhom il-jedd, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 ta' dawn ir-Regolamenti, għall-ħlas lura ta' l-ispejjez attwali ta' l-ivvjaġġar:

   (a) malli jaċċettaw il-ħatra tagħhom, għall-ivvjaġġar bejn il-post fejn joqgħodu u l-post fejn jaqdu dmirijiethom;

   (b) mat-trasferiment tagħhom mill-post fejn jaqdu dmirijiethom sa post ieħor li huwa ta' iktar minn 100 km il-bogħod;

   (ċ) malli jitilqu mill-ħatra:

   — jew għall-ivvjaġġar mill-post fejn jaqdu dmirijiethom sal-post fejn joqgħodu fil-mument li ġew reklutati;

   — jew, mill-post fejn jaqdu dmirijiethom sa post fejn joqgħodu ħlief dak imsemmi haw fuq, iżda l-ħlas lura m'għandux ikun iżjed.

2. Il-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar skond il-paragrafu 1 għandu jiġi parzjalment jew totalment rifjutat fil-każijiet li ġejjin:

   (a) fejn il-jedd ma ġiex stabbilit fiż-żmien tal-ħatra tal-membru tal-persunal;

   (b) jekk l-ispiża kollha jew parti minnha tħallset minn gvern jew korp ieħor;

   (ċ) fejn membru tal-persunal jitlaq mill-ħatra tiegħu, jekk il-vjaġġ ma jsirx fi żmien tlett xhur minn dik il-ġurnata li jintemmu d-dmirijiet tal-membru tal-persunal, jew jekk l-applikazzjoni għall-ħlas lura ma ġietx irċevuta mit-taqsima amministrattiva fi żmien 30 jum mill-vjaġġ;

   (d) fejn d-dmirijiet tal-membru tal-persunal jintemmu, jekk il-persuna kkonċernata tirriżenja qabel ma jgħaqqdu tnax -il xahar ta' servizz maċ-Ċentru.

3. Il-membri tal-persunal li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, u li jirċievu konċessjoni tad-dar, għandhom ikollhom ukoll il-jedd għall-:

   (a) ħlas lura ta' spejjez ta' l-ivvjaġġar li tħallsu attwalment mir-raġel jew il-mara tiegħu/tagħha u minn tfal dipendenti meta dawn jingħaqdu ma' l-impjegat fil-post fejn jaqdi dmirijietu;

   (b) ħlas lura ta' spejjez ta' l-ivvjaġġar li tħallsu attwalment mir-raġel jew il-mara tiegħu/tagħha u minn tfal dipendenti meta dawn jivvjaġġaw minn post tad-dmir għal ieħor li jinsab iktar minn 100 km bogħod, jekk it-trasferiment m'għadux tul fiss imam jaqbes żewġ xhur;

   (ċ) ħlas lura ta' spejjez ta' l-ivvjaġġar li tħallsu attwalment mir-raġel jew il-mara tiegħu/tagħha u minn tfal dipendenti fejn jintemmu dmirijiethom, bl-eċċezzjoni li l-ħlas lura jista' jiġi rifjutat fejn l-impjegat jirriżenja qabel ma jkun għaqqad tnax-il xahar ta' servizz maċ-Ċentru.

4. Konjugi u tfal [1] għandhom jitqiesu bħala ta' l-istess grad bħal tal-membru tal-persunal ikkonċernat.

TAQSIMA II — **Spejjeż ta'tneħħija**

1. Il-membri tal-persunal li għandhom il-post tar-residenza tagħhom ta' iktar minn 100 km bogħod mill-post fejn jaqdu dmirijiethom għandhom il-jedd għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż li ħallsu għat-tneħħija ta' l-affarijiet tad-dar fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

   (a) meta jaċċettaw il-ħatra;

   (b) f'każ ta'trasferiment b'tul mhux definit li jeċċedi xahrejn minn post tad-dmir sa ieħor li huwa ta' iktar minn 100 km bogħod:

   (ċ) mat-tluq miċ-Ċentru, bl-eċċezzjoni li l-ħlas lura jista' jiġi rifjutat fejn il-membru tal-persunal jirriżenja qabel ma jkun għaqqad tnax -il xahar ta' servizz maċ-Ċentru.

2. Ħlas lura ta' spejjeż li ntefqu għat-tneħħija ta' affarijiet tad-dar, inkluż l-imballaġġ, għandhom jitħallsu skond il-limiti li ġejjin:

   (a) Għall-membri tal-persunal li għandhom il-jedd għall-konċessjoni tad-dar:

6 000 kg	jew 40 m^3

   Flimkien ma' 750 kg jew 5 m^3 għal kull tifel li joqgħod ma' l-impjegat

[1] Jew dipendenti skond it-tifsira fid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IV.

(b) Ghall-membri tal-persunal li m'ghandhomx jedd ghall-konċessjoni tad-dar:

4 000 kg	jew 27 m^3

Biex isaqsu ghall-ħlas lura skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima, ul-membri tal-persunal ghandhom jagħtu, lil-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal, ghall-approvazzjoni minn qabel, mill-inqas żewġ stimi ta' tneħħija, minn żewġ kumpaniji differenti, flimkien ma' inventorju ta' l-affatijiet tad-dar [1]. Il-ħlas lura ghandu jsir biss skond il-limiti tal-jedd u fuq il-bażi ta' l-irħas stima.

3. Il-membri tal-persunal jistgħu jsaqsu ghall-ħlas lura taħt din it-taqsima jekk l-ispejjeż ma jitħallsux lura minn gvern jew awtorità oħra.

[1] Iż-żewġ stimi ghandhom jirreferu ghall-istess piż (jew volum), biex jinġarru tul l-istess distanza.

ANNESS VII

SPEJJEŻ GĦAD-DMIRIJIET UFFIĊJALI

Il-membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq dmir uffiċjali taċ-Ċentru għandhom jedd għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż kollha ta' l-ivvjaġġar u għal konċessjoni ta' kull jum għall-għajxien meta jkunu msifrin skond d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 ta' dawn ir-Regolamenti.

Taqsima I — **Mezzi tat-trasport**

L-ivvjaġġar tal-membri tal-persunal fuq xogħol għandu jsir bl-iktar mod ekonomiku disponibbli, bla ħsara għad-derogi previsti f'din it-Taqsima (1).

L-ivvjaġġar bl-ajru u bil-ferrovija huma kkunsidrati bħala l-mezzi normali tat-trasport. Id-Direttur jista', madankollu, jawtorizza lill-membri tal-persunal fuq xogħol uffiċjail li jużaw karozza privata jew uffiċjali, speċjalment meta tabib jiċċertifika li ma jistgħux jivvjaġġaw bl-ajru għal raġunijiet mediċi u fejn vjaġġ bil-ferrovija huwa għali wisq jew twil wisq.

Jekk membr tal-persunal li qed jivvjaġġa fuq xogħol uffiċjail jagħżel, u huwa awtorizzat, u jivvjaġġa b'mezz ieħor minn dak l-iktar ekonomiku disponibbli, ir-regoli li ġejjin għandhom jgħoddu:

— għandu jkollu l-jedd għall-ħlas lura ta' l-ispejjez tal-vjaġġ skond l-iktar mezz ta' transport ekonomiku;

— għandu jkollu l-jedd għall-ħlas lura għall-konċessjoni ta' l-għajxien għall-dak iż-żmien li kien jieħu l-vjaġġ li kieku l-membru tal-persunal għażel l-iktar mezz ekonomiku disponibbli;

— iż-żmien li jieħu għax-xogħol b'konsegwenza ta' l-għażla tiegħu li jeċċedi ż-żmien li kien jieħu kieku għażel il-mezz iktar ekonomiku disponibbli għandu jgħodd kontra l-jedd għal-*leave* ta'kull sena.

1. Vjaġġar bl-ajru

Ħlief bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur, kull vjaġġ bl-ajru għandu jkun fil-klassi ta' l-ekonomija jew l-ekwivalenti.

2. Vjaġġar bil-ferrovija

(a) Il-gradi A4 u L4 u 'l fuq għandhom il-jedd għall-ivvjaġġar fl-ewwel klassi;

(b) il-membri tal-persunal oħrajn għandhom jivvjaġġaw fit-tieni klassi;

(ċ) għall-ivvjaġġar bil-ferrovija bil-lejl għal mill-inqas ta' sitt sigħat, il-membri tal-persunal għandhom il-jedd għall-ħlas lura għall-ispejjez għall-post għall-irqad, imma mhux għall-kompartamenti ta' l-irqad; jekk il-kompartamenti jintużaw, il-membri tal-persunal għandhom il-jedd għall-ħlas lura ta' l-ispejjez tal-postijiet ta' l-irqad ta' l-ewwel jew tat-tieni klassi, skond il-grad tagħhom;

(d) id-Direttur jista' jawtorizza li l-membri tal-persunal ta' grad iktar baxx jivvjaġġaw ma membri tal-persunal ta' grad għola fejn dan jiffaċilita l-operazzjoni tax-xogħol uffiċjali; f'dawn il-każijiet il-ħlas lura għandu jkun skond l-għola rata.

3. Vjaġġar bit-triq — l-użu ta' karozzi privati

(a) Il-membri tal-persunal jistgħu jiġu awtorizzat li jivvjaġġaw bil-karozzi privati fejn dan huwa fl-interessi taċ-Ċentru. F'dan il-każ għandhom il-jedd għal-konċessjoni kull kilometru skond l-iktar rotta qasira. Il-konċessjoni għandha tiġi kkalkolata skond ir-rati tal-pajjiż fejn jintab iċ-Ċentru irrispettivament mill-pajjiż/i fejn isir il-vjaġġar. Ir-rati li jintużaw għandhon jiġu promulgati f'memorandum amministrattiv (2).

(b) Jekk il-membri tal-persunal ikkonċernat huwa awtorizzat li jieħu miegħu xi membri tal-persunal oħrajn taċ-Ċentru, għandu jitħallas konċessjoni addizzjonali kull kilomentru b'rata ta' 10 % tar-rata tal-konċessjoni għal kull kilometru għall kul passiġġier (3); jekk ir-rotta użata tinvolvi spejjeż speċjali (bħal tariffi, jew transport tal-karozza bil-vapur jew bil-lanċa), dawn l-ispejjez għandhom jitħallsu lura mall-preżentazzjoni ta' l-irċevuti li jappoġġaw l-ispiża, ħlief għall-ispejjez ta' l-ivvjaġġar bl-ajru.

(ċ) Il-membri tal-persunal li jużaw il-karozza tagħhom għandhom juru minn qabel; li għandhom polza ta' l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-tielet persuna u partikolarment tal-passiġieri.

(d) F'każ ta' inċident, iċ-Ċentru m'għandux jħallas lura xi spejjeż għad-danni lil xi propjetà.

(1) Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu applikati lil-persunal temporanju, skond id-deċiżjoni tad-Direttur.

(2) Is-somma totali li mhallsa ma tistax tkun iktar minn dik li kieku kellu jħallas iċ-Ċentru.

(3) F'dawn il-każijiet, "passiġieri" m'ghandhom jedd ghall-hlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar.

Taqsima II — **Konċessjoni għall-għajxien għall-membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq xogħol uffiċjali**

1. Il-membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq xogħol uffiċjali għandhom il-jedd ghal konċessjoni għall-għajxien skond ir-rati li jiddeċiedi il-Bord ta' kull sena.

   Madankollu, id-Direttur jista' jawtorizza:

   (a) rati speċjali fil-każ ta' pajjiżi fejn l-għoli tal-ħajja huwa iktar jew inqas mir-rati normali;

   (b) il-pagament tal-konċessjoni ta' l-għajxien b'rata għola minn dik skond il-jedd normali tal-membri tal-persunal jekk dan jiffaċilta l-operazzjoni tax-xogħol uffiċjali;

   (ċ) il-pagament ta' konċessjoni jekk trid tingħata l-*leave* ghall-mard waqt il-missjoni, ħlief fejn il-missjoni qed issir fil-post fejn jgħix il-membru tal-persunal.

2. Il-konċessjoni ghall-ghajxien ghandha tiġi kkalkulata kif ġej:

   (a) il-membri tal-persunal ghandhom l-jedd ghal konċessjoni ta' l-ghajxien ta' ġurnata ghal kull perjodu ta' 24 siegħa ta'dmir [1];

   (b) m'ghandiex titħallas konċessjoni ta' l-ghajxien ghal perjodu ta' inqas minn 4 siegħat;

   (ċ) fejn il-perjodu ta' dmir huwa ta iktar minn 4 siegħat imma inqas minn 8 siegħat, il-membru tal-persunal ghandu l-jedd ghal konċessjoni ta' kwart tal-konċessjoni ta' kull jum. Bl-istess mod, ghandu l-jedd ghal kwart tal-koċessjoni ta' kull jum fir-rigward ta' kull perjodu ta' 4 siegħat jew iktar imma inqas minn 8 siegħat, liema perjodu jaqbeż perjodu ta' 24 siegħa;

   (d) Fejn il-perjodu ta' dmir huwa ta' 8 siegħat jew iktar mingħajr ma joqgħod f'lukanda, il-membru tal-persunal

   ghandu l-jedd ghal nofs il-konċessjoni ta' kull jum. Bl-istess mod, ghandu l-jedd ghan-nofs il-konċessjoni ta' kull jum fir-rigward ta' kull perjodu ta' 8 siegħat jew iktar imma inqas minn 24 siegħa li jaqbżu perjodu komplut ta' 24 siegħa;

   (e) fejn il-missjoni teħtieġ neċessarjament li wieħed joqgħod f'lukanda, il-membru tal-persunal ikkonċernat jista' jitħallas il-konċessjoni ta' kull jum kollha;

   (f) perjodu spekulattiv ghandu jiżdied mal-ħin ta' l-ivvjaġġar attwali biex tiġi ikkalkulata l-konċesjoni ta' l-ghajxienbiex tippermetti ghall-ħin li hemm bżonn ghall-ivvjaġġar sal-istazzjon prinċipali jew ajruport. Dan il-perjodu ghandu jkun kif ġej:

   — sagħtejn ghall-vjaġġi bil-ferrovija;

   — tlett siegħat ghall-vjaġi bl-ajru.

3. Tnaqqis fil-konċessjoni ta' l-ghajxien

   Il-konċessjoni ghandha titnaqqas:

   (a) fejn il-vjaġġ jinkludi l-ikel jew akkomodazzjoni ghal-lejl: b'15 % ghal kull ikla prinċipali u b'50 % ghall-akkomodazzjoni ghal-lejl inkluż fit-tariffa;

   (b) b'tlieta minn ghaxra jekk il-membri tal-persunal jivvjaġġa bil-lanċa ta' bil-lejl, kompartament ta' l-irwad, bil-ferrovija jew bl-ajru, ghal perjodu kopert mill-vjaġġ;

   (ċ) b'tlieta minn ghaxra jekk il-membru tal-persunal jivvjaġġa fuq-xogħol uffiċjali sal-belt tar-residenza uffiċjali meta l-familja tiegħu toqgħod hemmhekk;

   (d) b'tlett kwarti fejn l-akkomodazzjoni hija provduta minn korp.

4. Żidiet fil-konċessjoni ta' l-ghajxien

   Il-konċessjoni ghandha tiġi kkunsidrata li tkopri l-ispejjeż kollha li kapaċi jħallas il-membru tal-persunal li qed jivvjaġġa fuq-xogħol uffiċjali, ħlief ghal dawk imsemmijin hawn taħt, fejn il-membru tal-persunal jista' jitlob ghal ħlas lura addizzjonali:

   (a) spejjeż tal-visa u spejjeż simili li jirreżultaw direttament minn vjaġġar fuq xogħol uffiċjali;

   (b) spejjeż ta' piż żejjed ta' valiġġi awtorizzati mid-Direttur;

   (ċ) spejjeż postali, telegrafiċi u telefonati ta' distanza twila li ntefqu ghal raġunijiet uffiċjali;

   (d) spejjeż ta' l-hospitalità li ntefqu mill-membri tal-persunal skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur;

   (e) tariffi tal-kiri ta' *taxis*, sakemm approvat mid-Direttur u mal-produzzjoni ta' prova ta' l-ispiża;

   Jekk, f'ċerti ċirkostanzi, l-ispiża ghall-akkomodazzjoni taqbes is-60 % tal-konċessjoni ta'l-ghajxien ta' kull jum, iċ-Ċentru jista', parzjalment jew totalment. jħallas lura l-ammont mal-presentazzjoni tad-dokumenti tal-ħlas u ta' biżżejjedprovi li dan kien verament neċessarju u li l-impjegat ma setgħax jevitah. Dan il-ħlas lura ma jistax ikun iktar minn 30 % tal-konċessjoni ta'l-ghajxien ta' kull jum.

---

[1] Dawn il-perjodi ghandhom jghoddu mid-data u mill-ħin ta' tluq miċ-Ċentru jew mid-dar tal-membru tal-persunal sad-data li jirritorna d-dar jew fiċ-Ċentru. Jekk il-membru tal-persunal jinsab fuq *leave* qabela tibda l-missjoni, id-data u l-ħin li ghandhom jitqiesu huma dawk ta' meta bdiet il-missjoni, u fejn il-membru tal-persunal jinsab fuq *leave* immedjatament wara li tintemm il-missjoni, id-data u l-ħin li ghandhom jitqiesu huma dawk ta' meta intemmet il-missjoni.

ANNESS VIII

LEAVE TAL-MARD, LEAVE TAL-MATERNITÀ, U *LEAVE* IEĦOR SPEĊJALI

1. **Assenza għar-raġunijiet ta' saħħa u *leave* tal-mard**

(a) Membri tal-persunal li huma assenti minħabba xi mard jew xi inċident għal aktar minn tlett ijiem konsekuttivi għandhom jipproduċu ċertifikat mediku fi żmien tlett ijiem minn meta jiefqu mix-xogħol.

(b) L-assenza minħabba xi mard jew xi inċident li ma ddumx aktar minn tlett ijiem u fejn l-ebda ċertifikat mediku ma jiġi ippreżentat tista', jekk qabżu disat ijiem utli f'kull sena kalendarja, tikkawża tnaqqis ta' l-istess ammont fil-*leave* ta' kull sena tal-membri tal-persunal jew tnaqqis ta' l-istess ammont fil-paga jekk diġà uża l-*leave* kollu ta' kull sena.

(ċ) Membri tal-persunal li huma assenti minħabba xi mard jew xi inċident għandhom il-jedd, malli jippreżentaw ċertifika mediku, għal-*leave* tal-mard mħallas kollu bil-konċessjonijiet għal perjodu konsekuttiv ta' tlettax-il ġimgħa.

(d) Assenza kontinwa minħabba mard jew inċident għal aktar minn tlettax-il ġimgħa konsekuttiva jista' jiġi kkunsidrat mid-Direttur bħala bażi għat-tmiem tal-kuntratt ta' l-impieg.

(e) Repetizzjoni spissa ta' perjodi qosra ta' mard jista' jiġi kkunsidrat mid-Direttur bħala bażi għat-tmiem tal-kuntratt ta' l-impieg.

(f) Id-Direttur taċ-Ċentru jista' jordna f'kull ħin li l-membru tal-persunal ikkonċernat jiġi eżaminat medikalment.

2. **Mard li jittieħed, vaċċinazzjoni u inċidenti**

(a) Kull membru tal-persunal li jieħu xi marda li tittieħed għandu jitlaq mix-xogħol u jirraporta immedjatament lil-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal. Jekk jiġi rapportat xi mard li jittieħed fost il-familja jew ħbieb intimi tal-membru tal-persunal, dan għandu javvża immedjatament il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal u għandu jikkonforma mal-prekawzjonijiet li jista' jordna l-uffiċjal. Il-membri tal-persunal kollha li ġew f'kuntatt ma' persuna li għandha marda li tittieħed u li huma, għal din ir-raġuni, obbligati li jitilqu mix-xogħol, għandhom id-dritt għall-paga kollha; din l-assenza m'għandiex titnaqqas mil-*leave* ta' kull sena tagħhom jew mill-jedd tal-*leave* tagħhom.

(b) Il-membri tal-persunal għandhom jaċċettaw xi vaċċinazzjoni jew innokulazzjoni li huwa neċessarju.

(ċ) Kull inċident li jsofru l-membri tal-persunal, sew fuq il-post tax-xogħol kif ukoll barra miċ-Ċentru, anki jekk apparentament ħfief ħafna, għandu jiġi rrapportat mill-impjegat lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal, flimkien ma' l-ismijiet u l-indirizza ta' xi xhieda.

3. ***Leave* speċjali, *leave* taż-żwieġ u *leave* tal-maternità**

(a) *leave* speċjali mħallas jew parzjalment imħallas, ta' mhux iktar minn tmint ijiem utli kull sena, jew mingħajr ħlas, jista' jingħata mid-Direttur taċ-Ċentru għal raġunijiet eċċezzjonali jew privati u urġenti.

(b) *Leave* speċjali mħallas ta' sitt ijiem għandu jingħata meta membru tal-persunal jiżżewweġ.

(ċ) *Leave* tal-maternità mħallas, li ma jonqosx mil-*leave* tal-mard jew ta' kull sena, għandu jingħata lill-membri tal-persunal meta dawn jippreżentaw ċertifikat mediku. Il-*leave* tal-maternità għandha tkun ta' sittax-il ġimgħa li jibdew sitt ġimgħat qabel id-data tat-twelid mistennija. Jekk it-twelid isir wara d-data mistennija, il-*leave* għandu jiġi estiż sa għaxar ġimgħat wara t-twelid.

ANNESS IX

KOMPOSIZZJONI U PROĊEDURI TAL-BORDIJIET TA' DIXXIPLINA

1. **Kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina**

Il-bord tad-Dixxiplina għandu jkun kompost minn:

(a) membru tal-persunal tal-grad A jew L innominat mid-Direttur, li mhuiex il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal jew il-persuna li l-membru tal-persunal ikkonċernat għandu responssabbilità lejha, bħala President;

(b) membru tal-persunal innominat mid-Direttur;

(ċ) membru tal-persunal ta' l-istess grad bħal dak ta' l-membru tal-persunal ikkonċernat u innominat minnu;

(d) il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal, bħala wieħed li jagħti parir legali, mingħajr id-dritt tal-vot.

2. **Il-Proċedura**

(a) Il-Bord tad-Dixxiplina għandu jikkonsidra d-dokumenti kollha relevanti għall-konsiderazzjoni tal-każ. Jista' ukoll, jekk jaħseb li huwa neċessarju, jisma x'għandha tgħid il-parti interessata. Il-parti interessata jista' jkollha l-assistenza jew tista' tiġi rrapreżentata minn membru tal-persunal. Il-bord tad-Dixxiplina tista' ukoll tisma kull persuna li taħseb li hu xieraq li jinstema.

(b) Il-bord Dixxiplinarju għandu jaħdem fil-privat. Il-membri tal-Bord m'għandhomx jagħtu informazzjoni li saru jafu biha waqt il-proċeduri, jew partikolaritajiet tal-proċeduri.

(ċ) Il-Bord tad-Dixxiplina għandha tagħti l-opinjoni tagħha bir-raġunijiet. Dik l-opinjoni għandha tinkludi parir jekk hemm lok għal sanzjoni, u jekk iva, is-serjetà tas-sanzjoni.

ANNESS X

IL-BORD TA' L-APPELL

A. **Ġurisdizzjoni**

Il-Bord ta' l-Appell għandu l-aworità li jiddeċiedi kwistjonijiet li jirriżultaw minn xi ksur ta' dawn ir-Regolamenti jew tal-kuntratti previsti fl-Artikolu 7. Għal dak il-għan, il-Bord għandu l-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' appell miġjuba minn membri tal-persunal li qed iservu jew li kienu iservu, jeww mill-eredi tagħhom jew l-assenji tagħhom, kontra deċiżjoni tad-Direttur.

B. **Komposizzjoni u status**

(a) Il-Bord ta' l-Appell għandu jkun kompost minn President u żewġ membri. Jistgħu jpoġġu deputati minflokom. Il-President jew wieħed mill-membri u wieħed mid-deputati għandu jkollu kwalifiki legali.

(b) Il-President, id-deputat tiegħu, il-membri u d-deputati tagħhom għandhom jinħatru mill-Bord taċ-Ċentru, għal perjodu ta' sentejn, minn fost nies li ma jaħdmux maċ-Ċentru. Jekk wieħed minnhom ma jistax iservi f'xi ħin, għandu jinħatar xi ħadd ieħor għaż-żmien li jkun baqa'.

(ċ) M'għandux ikun hemm l-ebda laqgħa jekk kemm-il darba l-President, jew id-deputat tiegħu, u żewġ membri, jew id-deputati tagħhom m'humiex preżenti.

(d) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu indipendenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom.

(e) Il-pagi tal-President, membri u deputati għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord taċ-Ċentru.

(f) Il-Bord ta' l-Appell għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Ċ. **Segretarjat tal-bord**

(a) Is-Segretarju tal-Bord għandu jinħatar mid-Direttur u għandu jkun membru tal-persunal taċ-Ċentru.

(b) Fl-eżerċizzju ta' dmirijietu, is-Segretarju tal-Bord għandu jaġixxi bħala reġistratur u għandu jkun soġġett biss għall-awtorità tal-Bord.

D. **Appelli**

(a) Appelli lill-Bord għandhom jiġu aċċettati biss jekk l-appellant ma rnexxilux jikseb deċiżjoni favorevoli permezz ta' appell intern amministrattiv mid-Direttur.

(b) L-appellant għandu għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni li għandhu oġġezzjoni lejha jew mid-data li ġiet rifjutata deċiżjoni tal-medjatur biex jagħmel talba bil-miktub li din id-deċiżjoni tittieħed lura jew tiġi immodifikata mill-Bord ta' l-Appell. Dik it-talba għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal taċ-Ċentru, li għandu jirrikonoxxi li irċieva tat-talba u għandu jiba l-proċedura biex isejjaħ il-Bord.

(ċ) Is-Segretarju tal-Bord għandu jirċievi l-appelli fi żmien żewġ zhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ilmentata. Madankollu, f'każi eċċezzjonali, partikolarment fejn il-pensjonijiet huma ikkonċernati, il-bord ta' l-Appell jista' jaċċetta appelli li jingħatawlu fi żmien sena mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ilmentata.

(d) L-appelli għandhom ikunu bil-miktub; għandhom isemmu r-raġunijiet ta' l-appell ta' l-appellant flimkien mal preżentazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn li għandhom jingħataw fl-istess ħin.

(e) L-appelli m'għandhomx ifixklu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ilmentata.

E. **Proċedura preliminarja**

(a) L-appelli għandhom jintbagħau immedjatament lid-Direttur, li għandu jikkummenta dwarhom bil-kitba. Kopja ta' dawn il-kummenti għandha tintbagħat lis-Segretarju u lill-appellant fi żmien xahar mid-data li ddaħħal l-appell, u l-appellant għandu jikteb risposta u kopja ta' din għandha tintbagħat lid-Direttur mis-Segretarju tal-Bord.

(b) Appelli, flimkien mal-*memorandums* u d-dokumenti ta' sostenn, il-kummenti tad-Direttur u r-risposta ta' l-appellant, jekk hemm, għandhom jiġu ikkomunikati lill-membri tal-Bord mis-Segretarjat fi żmien tlett xhur mid-data li jiddaħħal l-appell u mill-inqas 15-il ġurnata qabel id-data tal-laqa' fejn dawn jiġu ikkunsidrati.

F. **Sejħa tal-Bord**

Il-Bord ta' l-Appelli għandu jiġi msejjaħ mill-President. Għandu, fil-prinċipju, jikkunsidra appelli li ingħatawlu fi żmien erba' xhur mid-data li ddaħħlu.

G. **Laqgħat tal-Bord**

(a) Il-Bord ta' l-Appelli għandu jiltaqa' privatament (sakemm il-Bord ma jiddeċidix kontra). Il-Bord għandu jiddelibera b'mod sigriet.

(b) Id-Direttur jew ir-rappresentant tiegħu, flimkien ma' l-appellant għandhom jattendu għall-proċeduriu jagħmlu dikjarazzjonijiet biex isostnu il-*memorandums* tagħhom.

(ċ) Il-Bord ta' l-Appell jista' jordna l-preżentazzjoni ta' kull dokument li jaħseb li huwa neċessarju għall-kwistjoni quddiemu. Dawn id-dokumenti għandhom jiġu ikkomunikati lid-Direttur kif ukoll lill-appellant.

(d) Il-bord għandu jisma' il-partijiet u x-xhieda kif jaħsbu li huwa xieraq tul il-proċedura. Kull membru tal-persunal imsejjaħ bħala xhud għandu jidher quddiem il-Bord u ma jistax jirrifjuta li jagħti x-xhieda.

(e) Il-persuni li jattendu dawn il-laqgħat tal-Bord ma jistgħux ixerdu fatti li jsiru jafu bihom jew xi oppinjonijiet li issemmew tul il-proċeduri.

H. **Deċiżjonijiet tal-Bord**

(a) F'każijiet eċċezzjonali, il-Bord jista' jagħmel ordni temporanja biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-miżura ilmentata, qabel ma tingħata deċiżjoni finali skond il-paragrafi li ġejjin.

(b) Deċiżjonijiet għandhom jittieħdu skond il-vot tal-maġġoranza. Għandhom jinagħtaw bil-kitba u għandhom isemmu r-raġunijiet li huma ibbażati fuqhom. M'għandux jeżisti appell fir-rigward tagħhom u għandhom jiġu infurzati għaż-żewġ partijiet u fi żmien ġurnata ċara min-notifika tagħhom.

(ċ) Il-Bord jista', madankollu, jiġi mitlub biex jikkoreġi irregolarità klerikali jew li saret bi żball f'deċiżjoni li ingħatat. Talba għar-rettifika għandha tingħata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-iżball ġie innotat.